

Brussell, 2 ta' Lulju 2024
(OR. en)

10507/24

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0124(COD)

CODEC 1380
MI 556
ENT 103
ENV 568
CHIMIE 37
IND 289
CONSOM 201
SAN 308
PE 139

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar deterġenti u aġenti tensjoattivi, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 648/2004 - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strażburgu, mis-26 sad-29 ta' Frar 2024)

I. INTRODUZZJONI

Ir-rapporteur, Manuela RIPA (Ħodor/ALE, DE), ippreżentat rapport dwar il-proposta msemmija hawn fuq għal Regolament fisem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI) li kien fih 150 emenda (l-emendi 1 sa 150) għall-proposta. Ma tressqet l-ebda emenda oħra.

II. VOT

Meta vvotat fis-27 ta' Frar 2024, il-plenarja tal-Parlament Ewropew adottat l-emendi 1 sa 150 għall-proposta għal Regolament.

Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-risoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu kif tidher fl-Anness ta' dan id-dokument.

P9_TA(2024)0091

Deterġenti u aġenti tensjoattivi

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

PE753.691

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Frar 2024 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar deterġenti u aġenti tensjoattivi, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 648/2004 (COM(2023)0217 – C9-0154/2023 – 2023/0124(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0217),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0154/2023),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-12 ta' Lulju 2023¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A9-0039/2024),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ *ĠU C 349, 29.9.2023, p. 121.*

Emenda 1
Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9a) Hemm sustanzi użati fid-deterġenti, għajr aġenti tensjoattivi, li jistgħu jibqgħu fl-ilma mormi wara l-użu u, jekk ma jitneħħewx mill-operaturi tal-ilma mormi permezz ta' proċessi li jiswew ħafna flus, dawn jippersistu u jinġemgħu fl-ambjent. Sabiex tiġi ffaċilitata l-innovazzjoni u jiġu indirizzati r-riskji potenzjali għas-saħħa u għall-ambjent, jeħtieġ li tiġi stabbilita mira ta' nofs it-terminu li tiżgura li d-deterġenti, b'mod ġenerali, ikunu bijodegradabbli b'mod inerenti. Sabiex il-manifatturi jingħataw żmien ħalli jadattaw il-formulazzjonijiet tal-prodott, jenħtieġ li jiġu pprovduti perjodi ta' tranżizzjoni suffiċjenti u l-kriterji rilevanti tat-testijiet jenħtieġ li jiġu stabbiliti minn qabel sew.

Emenda 2
Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10) Il-fosforu huwa ingredjent **ewlieni** użat fid-deterġenti. Madankollu, il-fosforu u l-komposti tiegħu **jistgħu** jikkawżaw ħsara lill-ekosistemi u lill-ambjenti akkwatiċi peress li jikkontribwixxu għall-ewtrofikazzjoni. Biex jiġi żgurat aktar livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent, u jitnaqqas il-kontribut tad-deterġenti għal dak il-fenomeni, jeħtieġ li jiġu stabbiliti limiti armonizzati fuq il-kontenut tal-fosfati u ta' komposti tal-fosforu **fid-deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ għall-konsumatur** u **fid-deterġenti tal-magni tal-ħasil tal-platti awtomatiċi għall-konsumatur**. **Limitazzjonijiet simili ma humiex meħtieġa għal tipi oħra ta' deterġenti jew minħabba li l-kontribut tagħhom ma huwiex sinifikanti jew minħabba li bħalissa ma humiex**

(10) Il-fosforu huwa ingredjent użat fid-deterġenti. Madankollu, il-fosforu u l-komposti tiegħu jikkawżaw ħsara **sinifikanti** lill-ekosistemi u lill-ambjenti akkwatiċi peress li jikkontribwixxu għall-ewtrofikazzjoni. Biex jiġi żgurat aktar livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent, u jitnaqqas il-kontribut tad-deterġenti għal dak il-fenomeni, jeħtieġ li jiġu stabbiliti limiti armonizzati fuq il-kontenut tal-fosfati u ta' komposti tal-fosforu **f'ċerti deterġenti għall-konsumatur** u **industrijali**.

disponibbli alternattivi xierqa.

Emenda 3
Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12a) F'konformità mad-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a}, huwa meħtieġ li l-ittestjar fuq l-annimali jiġi sostitwit, imnaqqas jew irfinat, bil-ħsieb li mill-aktar fis possibbli jitwaqqaf l-użu tal-annimali fl-ittestjar. L-introduzzjoni fis-suq ta' deterġenti u ta' aġenti tensjoattivi li kienu s-suġġett ta' ttestjar fuq l-annimali sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għaldaqstant jenħtieġ li jiġi pprojbit b'mod ġenerali filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u jiġi permess l-użu ta' data storika. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvalida l-metodi ta' ttestjar alternattivi rilevanti u derogi rilevanti fejn xieraq u tħeġġeġ il-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha biex tappoġġa l-iżvilupp ta' metodi ta' ttestjar li ma jinvolvux l-annimali filwaqt li jitqies id-dritt applikabbli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni kummerċjali mhux żvelata u dwar l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni ambjentali.

^{1a} Id-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi (ĠU L 276, 20.10.2010, p. 33).

Emenda 4
Proposta għal regolament
Premessa 12b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12b) L-użu tal-asserzjoni "mingħajr ittestjar fuq l-annimali" jew asserzjonijiet simili jenħtieġ li jkun permess biss jekk jiġi żgurat li waqt il-manifattura u l-ittestjar tal-konformità ma jkun sar l-ebda ttestjar fuq l-annimali. Bl-istess mod, il-manifatturi jenħtieġ li jitħallew jasserixxu li prodott huwa "vegan" jew simili, jekk fil-manifattura jew fl-iżvilupp tal-prodott ma jkun intuża l-ebda ingredjent derivat mill-annimali, bħall-ġelatina, il-kolesterin jew il-kollaġen, jew prodotti sekondarji mill-annimali, bħall-għasel jew ix-xama' tan-naħal.

Emenda 5
Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(14) Jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi kollha li jintervjenu fil-katina tal-provvista u tad-distribuzzjoni jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li jqiegħdu fis-suq tal-Unjoni biss deterġenti u aġenti tensjoattivi li jkunu konformi ma' dan ir-Regolament. Jeħtieġ li tiġi prevista distribuzzjoni ċara u proporzjonata tal-obbligi li jikkorrispondu għar-rwol ta' kull operatur ekonomiku fil-katina tal-provvista u tad-distribuzzjoni.

(14) Jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi kollha li jintervjenu fil-katina tal-provvista u tad-distribuzzjoni jieħdu miżuri xierqa **u effettivi** biex jiżguraw li jqiegħdu fis-suq tal-Unjoni biss deterġenti u aġenti tensjoattivi li jkunu konformi ma' dan ir-Regolament. Jeħtieġ li tiġi prevista distribuzzjoni ċara u proporzjonata tal-obbligi li jikkorrispondu għar-rwol ta' kull operatur ekonomiku fil-katina tal-provvista u tad-distribuzzjoni.

Emenda 6
Proposta għal regolament
Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15a) Jenħtieġ li l-manifatturi jżommu d-dokumentazzjoni teknika, il-passaport tal-prodotti u, fejn ikun applikabbli, it-tikketta diġitali għal perjodu ta' 10 snin wara d-data li fiha l-aħħar prodott minn lott jew mudell ta' deterġent jew l-aġent tensjoattiv kopert minn dik id-dokumentazzjoni, passaport tal-prodott jew tikketta diġitali jkun ġie introdott fis-suq.

Emenda 7
Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(17) Biex tiġi ffaċilitata l-konformità tal-manifatturi mal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-manifatturi stabbiliti fl-Unjoni jkunu jistgħu jaħtru rappreżentant awtorizzat biex iwettaq kompiti speċifiċi f'isimhom. Barra minn hekk, biex tiġi żgurata distribuzzjoni ċara u proporzjonata tar-responsabbiltajiet bejn il-manifattur u r-rappreżentant awtorizzat, jeħtieġ li tiġi stabbilita l-lista tal-kompiti li l-manifatturi jenħtieġ li jkunu jistgħu jafdaw lir-rappreżentant awtorizzat. Barra dan, biex jiġu żgurati l-infurzabbiltà u l-effettività tar-rekwiżiti ta' sorveljanza tas-suq u li deterġenti u aġenti tensjoattivi konformi biss jiġu introdotti fis-suq tal-Unjoni, il-ħatra ta' rappreżentant awtorizzat jenħtieġ li tkun obbligatorja meta l-manifattur ikun stabbilit barra mill-Unjoni.

(17) Biex tiġi ffaċilitata l-konformità tal-manifatturi mal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-manifatturi stabbiliti fl-Unjoni jkunu jistgħu jaħtru rappreżentant awtorizzat biex iwettaq kompiti speċifiċi f'isimhom. ***Tali ħatra jenħtieġ li tkun valida biss meta tiġi aċċettata bil-miktub mir-rappreżentant awtorizzat.*** Barra minn hekk, biex tiġi żgurata distribuzzjoni ċara u proporzjonata tar-responsabbiltajiet bejn il-manifattur u r-rappreżentant awtorizzat, jeħtieġ li tiġi stabbilita l-lista tal-kompiti li l-manifatturi jenħtieġ li jkunu jistgħu jafdaw lir-rappreżentant awtorizzat. Barra dan, biex jiġu żgurati l-infurzabbiltà u l-effettività tar-rekwiżiti ta' sorveljanza tas-suq u li deterġenti u aġenti tensjoattivi konformi biss jiġu introdotti fis-suq tal-Unjoni, il-ħatra ta' rappreżentant awtorizzat jenħtieġ li tkun obbligatorja meta l-manifattur ikun stabbilit barra mill-Unjoni.

Emenda 8
Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) Bil-għan li tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq u l-konsumaturi, jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi, bħala parti mid-dettalji ta' kuntatt tagħhom, jindikaw indirizz **ta' sit web minbarra l-indirizz postali.**

Emenda

(18) Bil-għan li tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq u l-konsumaturi, jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi, bħala parti mid-dettalji ta' kuntatt tagħhom, jindikaw **numru tat-telefon u indirizz postali kif ukoll dak tal-posta elettronika.**

Emenda 9
Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

(19) Sabiex jiġi ssalvagwardjat il-funzjonament tas-suq intern u biex jiġi żgurat li jintlaħaq l-oġġettiv li jiġi pprovdut livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent, jeħtieġ li jiġi stabbilit li d-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi minn pajjiżi terzi li jidħlu fis-suq tal-Unjoni jikkonformaw ukoll ma' dan ir-Regolament. B'mod partikolari, jeħtieġ li jkun żgurat li l-manifatturi jkunu wettqu proċeduri xierqa ta' valutazzjoni tal-konformità fir-rigward ta' dawk il-prodotti. Huwa meħtieġ ukoll li jiġu stabbiliti regoli għall-importaturi biex jiġi żgurat li d-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi li jintroduċu fis-suq jikkonformaw ma' dawk ir-rekwiżiti u li d-dokumentazzjoni mfassla mill-manifatturi **u, fejn ikun rilevanti, il-markatura CE jkunu** disponibbli għall-ispezzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Jenħtieġ li jsir provvediment ukoll għall-importaturi biex jiżguraw li jkun disponibbli passaport tal-prodotti għal dawk il-prodotti.

Emenda

(19) Sabiex jiġi ssalvagwardjat il-funzjonament tas-suq intern u biex jiġi żgurat li jintlaħaq l-oġġettiv li jiġi pprovdut livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent, jeħtieġ li jiġi stabbilit li d-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi minn pajjiżi terzi li jidħlu fis-suq tal-Unjoni jikkonformaw ukoll ma' dan ir-Regolament. B'mod partikolari, jeħtieġ li jkun żgurat li l-manifatturi jkunu wettqu proċeduri xierqa ta' valutazzjoni tal-konformità fir-rigward ta' dawk il-prodotti. Huwa meħtieġ ukoll li jiġu stabbiliti regoli għall-importaturi biex jiġi żgurat li d-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi li jintroduċu fis-suq jikkonformaw ma' dawk ir-rekwiżiti u li d-dokumentazzjoni mfassla mill-manifatturi **tkun** disponibbli għall-ispezzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Jenħtieġ li jsir provvediment ukoll għall-importaturi biex jiżguraw li jkun disponibbli passaport tal-prodotti għal dawk il-prodotti.

Emenda 10
Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

(20) Peress li l-importaturi għandhom rwol ewlieni biex jiggarantixxu l-konformità tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi importati fis-suq tal-Unjoni, meta jintroduċu fis-suq deterġent jew aġent tensjoattiv, l-importaturi jenħtieġ li jindikaw fuq il-prodott isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tagħhom kif ukoll l-indirizz postali **tagħhom u, jekk ikunu disponibbli, il-mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni** li permezz tagħhom jistgħu jiġu kkuntattjati.

Emenda

(20) Peress li l-importaturi għandhom rwol ewlieni biex jiggarantixxu l-konformità tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi importati fis-suq tal-Unjoni, meta jintroduċu fis-suq deterġent jew aġent tensjoattiv, l-importaturi jenħtieġ li jindikaw fuq il-prodott isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tagħhom kif ukoll l-indirizz postali u **tal-posta elettronika tagħhom u n-numru tat-telefon** li permezz tagħhom jistgħu jiġu kkuntattjati.

Emenda 11
Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni

(24) Il-markatura CE, li tindika l-konformità ta' deterġent ma' dan ir-Regolament, hija l-konsegwenza viżibbli ta' proċess sħiħ li jinkludi valutazzjoni tal-konformità f'sens wiesa'. Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁶ jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali tal-markatura CE. Jenħtieġ li dak ir-Regolament ikun applikabbli għad-deterġenti koperti minn dan ir-Regolament sabiex jiġi żgurat li l-prodotti li jibbenefikaw mill-moviment liberu tal-merkanzija fl-Unjoni jissodisfaw ir-rekwiżiti li jipprovdu livell għoli ta' protezzjoni ta' interessi pubbliċi bħalma huma s-saħħa u l-ambjent. F'konformità mar-Regolament (KE) Nru 765/2008, il-markatura CE jenħtieġ li tkun l-unika markatura ta' konformità li tindika li d-deterġent huwa konformi mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni.

Emenda

imħassar

³⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

Emenda 12
Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni

(25) Biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa ***tal-bniedem***, jenħtieġ li l-manifatturi jkunu meħtieġa jipprovdu skeda tad-data dwar l-ingredjenti għal deterġenti mhux perikolużi. Sabiex tiġi ottimizzata l-effiċjenza tar-rekwiżiti rilevanti u fid-dawl tas-sistema relatata mar-reazzjoni ta' emerġenza relatata mas-saħħa diġà stabbilita skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, jenħtieġ li l-manifatturi jżommu din l-informazzjoni għad-dispożizzjoni taċ-ċentri tal-avvelenament, ***fuq talba***.

Emenda

(25) Biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa, jenħtieġ li l-manifatturi jkunu meħtieġa jipprovdu skeda tad-data dwar l-ingredjenti għal deterġenti mhux perikolużi. Sabiex tiġi ottimizzata l-effiċjenza tar-rekwiżiti rilevanti u fid-dawl tas-sistema relatata mar-reazzjoni ta' emerġenza relatata mas-saħħa diġà stabbilita skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, jenħtieġ li l-manifatturi jżommu din l-informazzjoni għad-dispożizzjoni taċ-ċentri tal-avvelenament.

Emenda 13
Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni

(26) It-tikketti jikkomunikaw informazzjoni importanti dwar l-użu u s-sikurezza lill-utenti, bħall-preżenza ta' sensitizzaturi tal-ġilda jew respiratorji (eż. fwejjaħ allerġeniċi, preservattivi jew enzimi) fid-deterġenti u fl-aġenti tensjoattivi. Billi tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-kontenut ta' dawk is-sustanzi fuq it-tikketti tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi, huwa possibbli għall-utenti b'allerġiji jew bi predispożizzjonijiet allerġiċi li jagħmlu għażliet infurmati, u b'hekk jitnaqqsu r-reazzjonijiet potenzjali relatati mal-użu tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti ta' tikkettar għad-deterġenti u għall-aġenti tensjoattivi.

Emenda

(26) It-tikketti jikkomunikaw informazzjoni importanti dwar l-użu, ***is-saħħa*** u s-sikurezza lill-utenti, bħall-preżenza ta' sensitizzaturi tal-ġilda jew respiratorji (eż. fwejjaħ allerġeniċi, preservattivi jew enzimi) fid-deterġenti u fl-aġenti tensjoattivi. Billi tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-kontenut ta' dawk is-sustanzi fuq it-tikketti tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi, huwa possibbli għall-utenti b'allerġiji jew bi predispożizzjonijiet allerġiċi li jagħmlu għażliet infurmati, u b'hekk jitnaqqsu r-reazzjonijiet potenzjali relatati mal-użu tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti ta' tikkettar għad-deterġenti u għall-aġenti tensjoattivi.

Emenda 14
Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni

(28) Is-sustanzi tal-fwieħa huma komposti organiċi bi rwejjaħ karatteristiċi, ġeneralment pjaċevoli, li jintużaw ħafna fid-deterġenti iżda wkoll f'ħafna prodotti oħra bħall-fwejjaħ u kożmetiċi oħra bil-fwieħa. Dawk is-sustanzi jistgħu jikkawżaw reazzjoni allerġika mal-kuntatt, speċjalment għal persuni sensitizzati, anki meta jkunu f'konċentrazzjonijiet baxxi. Għalhekk, huwa importanti li tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-preżenza ta' fwejjaħ allerġeniċi individwali fid-deterġenti sabiex il-persuni sensitizzati jkunu jistgħu jevitaw il-kuntatt mas-sustanza li għaliha jkunu allerġiċi. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti stretti għat-tikkettar tal-fwejjaħ allerġeniċi. Madankollu, dawk is-sustanzi jistgħu jiskattaw ukoll rekwiżit ta' tikkettar skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Għalhekk jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti speċifiċi ta' tikkettar li japplikaw biss meta ma jintlaħqux il-limiti tat-tikkettar skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Dan mhux biss jipprevjeni l-piż bla bżonn għall-operaturi ekonomiċi iżda jiżgura wkoll li l-utenti finali jirċievu din l-informazzjoni ppreżentata b'mod ċar u b'hekk jiġi pprovdut livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem anke għall-persuni sensitizzati.

Emenda

(28) Is-sustanzi tal-fwieħa huma komposti organiċi bi rwejjaħ karatteristiċi, ġeneralment pjaċevoli, li jintużaw ħafna fid-deterġenti iżda wkoll f'ħafna prodotti oħra bħall-fwejjaħ u kożmetiċi oħra bil-fwieħa. Dawk is-sustanzi jistgħu jikkawżaw reazzjoni allerġika mal-kuntatt, speċjalment għal persuni sensitizzati, anki meta jkunu f'konċentrazzjonijiet baxxi. Għalhekk, huwa importanti li tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-preżenza ta' fwejjaħ allerġeniċi individwali fid-deterġenti sabiex il-persuni sensitizzati jkunu jistgħu jevitaw il-kuntatt mas-sustanza li għaliha jkunu allerġiċi. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti stretti għat-tikkettar tal-fwejjaħ allerġeniċi. Madankollu, dawk is-sustanzi jistgħu jiskattaw ukoll rekwiżit ta' tikkettar skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Għalhekk jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti speċifiċi ta' tikkettar li japplikaw biss meta ma jintlaħqux il-limiti tat-tikkettar skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Dan mhux biss jipprevjeni l-piż bla bżonn għall-operaturi ekonomiċi iżda jiżgura wkoll li l-utenti finali jirċievu din l-informazzjoni ppreżentata b'mod ċar u b'hekk jiġi pprovdut livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem anke għall-persuni sensitizzati. ***Jenħtieġ li jiġu applikati perjodi ta' tranżizzjoni xierqa għar-rekwiżiti ġodda tat-tikkettar stabbiliti b'atti delegati.***

Emenda 15
Proposta għal regolament
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni

(31) It-tikkettar diġitali jista' jtejjeb il-komunikazzjoni tal-informazzjoni tat-tikkettar kemm billi jevita tikketti fiżiċi ffullati żżejjed kif ukoll billi jippermetti lill-utenti jibbażaw fuq diversi għażliet ta' qari disponibbli biss għal formati diġitali, bħal tipa akbar, tiftix awtomatiku, loud speakers jew traduzzjoni f'lingwi oħra. Il-forniment ta' tikketti diġitali jista' jwassal ukoll għal ġestjoni aktar effiċjenti tal-obbligi ta' tikkettar mill-operaturi ekonomiċi, billi jiffaċilita l-aġġornament tal-informazzjoni tat-tikkettar, inaqqs il-kostijiet tat-tikkettar u jippermetti informazzjoni aktar immirata lill-utenti. Għalhekk, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jkunu jistgħu jipprovdu ċerta informazzjoni tat-tikkettar **biss** permezz tat-tikketta diġitali soġġett għal ċerti kundizzjonijiet biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-utenti tad-deterġenti.

Emenda 16
Proposta għal regolament
Premessa 31a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(31) It-tikkettar diġitali jista' jtejjeb il-komunikazzjoni tal-informazzjoni tat-tikkettar kemm billi jevita tikketti fiżiċi ffullati żżejjed kif ukoll billi jippermetti lill-utenti jibbażaw fuq diversi għażliet ta' qari disponibbli biss għal formati diġitali, bħal tipa akbar, tiftix awtomatiku, loud speakers jew traduzzjoni f'lingwi oħra. Il-forniment ta' tikketti diġitali jista' jwassal ukoll għal ġestjoni aktar effiċjenti tal-obbligi ta' tikkettar mill-operaturi ekonomiċi, billi jiffaċilita l-aġġornament tal-informazzjoni tat-tikkettar, inaqqs il-kostijiet tat-tikkettar u jippermetti informazzjoni aktar immirata lill-utenti. Għalhekk, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jkunu jistgħu jipprovdu ċerta informazzjoni tat-tikkettar permezz tat-tikketta diġitali soġġett għal ċerti kundizzjonijiet biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-utenti tad-deterġenti **u tal-ambjent**.

(31a) It-tikkettar diġitali jista' jżid il-leġġibbiltà, il-faċilità tal-użu u l-komprensjoni tat-tikketti għall-konsumaturi, inklużi l-konsumaturi vulnerabbli u b'indeboliment tal-vista.

Emenda 17
Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni

(32) Biex jiġi evitat li jiġi impost piż amministrattiv bla bżonn għall-operaturi ekonomiċi u peress li, ***fil-biċċa l-kbira tal-każijiet***, it-tikketta diġitali hija ***biss*** komplementari għal dik fiżika, jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jiddeċiedu jekk jużawx tikketti diġitali jew jipprovdux l-informazzjoni kollha fuq tikketta fiżika biss. L-għażla li tiġi pprovduta tikketta diġitali jenħtieġ li tkun f'idejn il-manifatturi u l-importaturi, li huma responsabbli biex jipprovdu s-sett preċiż ta' informazzjoni tat-tikkettar.

Emenda

(32) Biex jiġi evitat li jiġi impost piż amministrattiv bla bżonn għall-operaturi ekonomiċi u peress li, it-tikketta diġitali hija komplementari għal dik fiżika, jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jiddeċiedu jekk jużawx tikketti diġitali jew jipprovdux l-informazzjoni kollha fuq tikketta fiżika biss. L-għażla li tiġi pprovduta tikketta diġitali jenħtieġ li tkun f'idejn il-manifatturi u l-importaturi, li huma responsabbli biex jipprovdu s-sett preċiż ta' informazzjoni tat-tikkettar.

Emenda 18
Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni

(33) It-tikkettar diġitali jista' joħloq ukoll sfidi għall-gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni mingħajr ħiliet diġitali jew b'ħiliet diġitali insuffiċjenti u jwassal għal żieda fid-distakk diġitali. Għal din ir-raġuni, l-informazzjoni speċifika li għandha tiġi pprovduta ***biss*** f'tikketta diġitali jenħtieġ li tirrifletti l-istat attwali tad-diġitalizzazzjoni tas-soċjetà u s-sitwazzjoni partikolari tal-utenti tad-deterġenti. Barra minn hekk, l-informazzjoni kollha tat-tikkettar dwar il-protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent, ***kif ukoll*** l-istruzzjonijiet ***minimi*** dwar l-użu tad-deterġenti, jenħtieġ li jibqgħu fuq it-tikketta fiżika, biex l-utenti finali kollha jkunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati qabel ma jixtru d-deterġent u biex jiġi żgurat l-immaniġġar sikur tiegħu.

Emenda

(33) It-tikkettar diġitali jista' joħloq ukoll sfidi għall-gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni mingħajr ħiliet diġitali jew b'ħiliet diġitali insuffiċjenti u jwassal għal żieda fid-distakk diġitali. Għal din ir-raġuni, l-informazzjoni speċifika li għandha tiġi pprovduta f'tikketta diġitali jenħtieġ li tirrifletti l-istat attwali tad-diġitalizzazzjoni tas-soċjetà u s-sitwazzjoni partikolari tal-utenti tad-deterġenti ***kif ukoll il-livell ta' tħejjija tal-infrastruttura wireless u infrastruttura teknoloġika oħra meħtieġa li tippermetti aċċess bla restrizzjonijiet għall-informazzjoni***. Barra minn hekk, l-informazzjoni kollha tat-tikkettar dwar il-protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent, ***inkluż*** l-istruzzjonijiet dwar l-użu tad-deterġenti, jenħtieġ li jibqgħu fuq it-tikketta fiżika, biex l-utenti finali kollha jkunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati qabel ma jixtru d-deterġent u biex jiġi żgurat l-immaniġġar sikur tiegħu.

Emenda 19
Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni

(34) *Madankollu, jenħtieġ li ssir eċċezzjoni* għad-deterġenti mibjugħa lill-utenti finali f'format ta' rikarika. *Sabiex jiġu sfruttati b'mod sħiħ mhux biss il-benefiċċji offriti mid-diġitalizzazzjoni iżda wkoll il-benefiċċji ambjentali kbar f'termini ta' tnaqqis tal-imballaġġ u tal-iskart relatat mill-imballaġġ li toffri l-prattika tal-bejgħ tar-rikariki*, jenħtieġ li *jkun permess li l-informazzjoni kollha tat-tikkettar tiġi pprovduta b'mod diġitali bl-eċċezzjoni tal-istruzzjonijiet* dwar id-dożaġġ għad-deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ għall-konsumatur.

Emenda 20
Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni

(35) Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fost l-operaturi ekonomiċi li jqiegħdu d-deterġenti fis-suq, u biex jiġu protetti l-utenti finali, jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti ġenerali għat-tikkettar diġitali. Pereżempju, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jiżguraw aċċess liberu u faċli għat-tikketti diġitali u li l-informazzjoni obbligatorja tat-tikkettar mitluba skont dan ir-Regolament tkun separata minn informazzjoni oħra.

Emenda

(34) Għad-deterġenti mibjugħa lill-utenti finali f'format ta' rikarika, **jenħtieġ li jiġi żgurat li l-informazzjoni kollha tat-tikkettar tkun disponibbli fuq tikketta disponibbli b'mod separat** li jenħtieġ li **tkun meħmuża mal-imballaġġ fil-mument tal-rikarika. Dan jenħtieġ li jinkludi l-istruzzjonijiet** dwar id-dożaġġ għad-deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ għall-konsumatur.

Emenda

(35) Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fost l-operaturi ekonomiċi li jqiegħdu d-deterġenti fis-suq, u biex jiġu protetti l-utenti finali, jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti ġenerali għat-tikkettar diġitali. Pereżempju, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jiżguraw aċċess liberu u faċli għat-tikketti diġitali, **disponibbli permezz ta' massimu ta' żewġ għafsets ta' buttuna jew klikks**, u li l-informazzjoni obbligatorja tat-tikkettar mitluba skont dan ir-Regolament tkun separata minn informazzjoni oħra.

Emenda 21
Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni

(36) Minħabba l-iżvilupp attwali tal-ħiliet diġitali, l-operaturi ekonomiċi jenħtiegħ li jipprovdu wkoll l-informazzjoni tat-tikkettar b'mezzi alternattivi lill-utenti finali meta dawn ma jkunux jistgħu jaċċessaw it-tikketta diġitali. Dan l-obbligu jenħtiegħ li jiġi impost bħala miżura ta' sikurezza biex jitnaqqas kwalunkwe riskju potenzjali minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà tal-informazzjoni tat-tikkettar, ***b'mod partikolari fir-rigward tad-deterġenti rikarikati, meta l-informazzjoni kollha tista' tiġi pprovduta f'tikketta diġitali.***

Emenda 22
Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni

(37) Peress li d-deterġenti għandhom l-istess użu u jippreżentaw l-istess riskji irrispettivament mill-format li fih jitqiegħdu fis-suq, l-operaturi ekonomiċi li jiqiegħdu fis-suq id-deterġenti f'format ta' rikarika jenħtiegħ li jiżguraw li dawn jikkonformaw mal-istess rekwiżiti bħal daww imballati minn qabel. Barra minn hekk, il-konsumaturi jenħtiegħ li jirċievu l-informazzjoni meħtieġa tat-tikkettar ukoll meta jagħżlu deterġenti rikarikati. Għalhekk, il-bejgħ tar-rikariki tad-deterġenti jenħtiegħ li jkun kopert b'mod espliċitu minn dan ir-Regolament sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent u kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi ekonomiċi.

Emenda

(36) Minħabba l-iżvilupp attwali tal-ħiliet diġitali, l-operaturi ekonomiċi jenħtiegħ li jipprovdu wkoll l-informazzjoni tat-tikkettar b'mezzi alternattivi lill-utenti finali meta dawn ma jkunux jistgħu jaċċessaw it-tikketta diġitali. Dan l-obbligu jenħtiegħ li jiġi impost bħala miżura ta' sikurezza biex jitnaqqas kwalunkwe riskju potenzjali minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà tal-informazzjoni tat-tikkettar.

Emenda

(37) Peress li d-deterġenti għandhom l-istess użu u jippreżentaw l-istess riskji irrispettivament mill-format li fih jitqiegħdu fis-suq, l-operaturi ekonomiċi li jiqiegħdu fis-suq id-deterġenti f'format ta' rikarika jenħtiegħ li jiżguraw li dawn jikkonformaw mal-istess rekwiżiti bħal daww imballati minn qabel. Barra minn hekk, il-konsumaturi jenħtiegħ li jirċievu l-informazzjoni meħtieġa tat-tikkettar ukoll meta jagħżlu deterġenti rikarikati. ***Kopja fiżika tat-tikketta jenħtiegħ li tkun viżibbli dejjem fil-post tar-rikarika.*** Għalhekk, il-bejgħ tar-rikariki tad-deterġenti jenħtiegħ li jkun kopert b'mod espliċitu minn dan ir-Regolament sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent u kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi ekonomiċi. ***Sabiex tkompli timxi 'l quddiem it-tranżizzjoni tal-Unjoni lejn ekonomija ċirkolari, jenħtiegħ li jiġu***

mħeġġa u promossi l-użu mill-ġdid u r-rikariki tal-imballaġġ. Jenħtieġ li l-manifatturi u d-distributuri finali, meta jkun fattibbli, jippermettu u jiżviluppaw aktar il-bejgħ tad-deterġenti fil-format ta' rikarika fil-punt tal-bejgħ u jenħtieġ li jagħmlu ħilithom biex jagħmlu d-deterġenti disponibbli għall-konsumaturi f'forom oħra ta' bejgħ sostenibbli, pereżempju billi jagħmlu d-deterġenti disponibbli f'imballaġġ riċiklabbli li jippermetti lill-konsumaturi jagħmlu r-rikarika tal-imballaġġ xieraq fi djarhom, meta jkun possibbli, filwaqt li jiżguraw is-sikurezza tal-konsumaturi.

Emenda 23
Proposta għal regolament
Premessa 39a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(39a) Sabiex jiġu evitati spejjeż għall-kumpaniji u għall-pubbliku li jkunu sproporzjonati għall-benefiċċji usa', jenħtieġ li l-passaport tal-prodotti, b'mod awtomatiku, ikun speċifiku għall-mudell ta' deterġent jew ta' aġenti tensjoattiv. Meta jkun hemm bidliet sostanzjali fil-formula jew meta jkun hemm differenzi fil-kompożizzjoni skont il-lott, il-passaport tal-prodotti jenħtieġ li jkun speċifiku għal-lott.

Emenda 24
Proposta għal regolament
Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(43) Meta leġislazzjoni oħra tal-Unjoni applikabbli għad-deterġenti jew għall-aġenti tensjoattivi tirrikjedi passaport tal-prodotti, jenħtieġ li jkun **disponibbli** passaport tal-prodotti wieħed għad-deterġenti u għall-aġenti tensjoattivi li jkun fih l-informazzjoni meħtieġa skont dan ir-Regolament u l-leġislazzjoni l-oħra tal-Unjoni.

(43) Meta leġislazzjoni oħra tal-Unjoni applikabbli għad-deterġenti jew għall-aġenti tensjoattivi tirrikjedi passaport tal-prodotti, jenħtieġ li jkun **mehhtieg** passaport tal-prodotti wieħed għad-deterġenti u għall-aġenti tensjoattivi li jkun fih l-informazzjoni meħtieġa skont dan ir-Regolament u l-leġislazzjoni l-oħra tal-Unjoni. **Barra minn hekk, ir-rekwiżiti għad-disinn tekniku tal-passaport tal-**

*prodotti għad-deterġenti u l-aġenti
tensjoattivi jenħtieġ li jkunu kompatibbli
ma' kriterji ta' disinn tekniku separati
previsti f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.*

Emenda 25
Proposta għal regolament
Premessa 44

Test propost mill-Kummissjoni

(44) Huwa kruċjali li jiġi ċċarat kemm lill-manifatturi kif ukoll lill-utenti li billi joħloq il-passaport tal-prodotti għad-deterġent jew għall-aġent tensjoattiv **u, fejn ikun rilevanti, billi jwaħħal il-markatura CE**, il-manifattur jiddikjara li d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv ikun konformi mar-rekwiżiti applikabbli kollha u li l-manifattur jieħu r-responsabbiltà sħiħa tiegħu.

Emenda

(44) Huwa kruċjali li jiġi ċċarat kemm lill-manifatturi kif ukoll lill-utenti li billi joħloq il-passaport tal-prodotti għad-deterġent jew għall-aġent tensjoattiv il-manifattur jiddikjara li d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv ikun konformi mar-rekwiżiti applikabbli kollha u li l-manifattur jieħu r-responsabbiltà sħiħa tiegħu.

Emenda 26
Proposta għal regolament
Premessa 45

Test propost mill-Kummissjoni

(45) Meta ċerta informazzjoni tiġi pprovduta **biss** b'mod diġitali, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li din l-informazzjoni jeħtieġ li tiġi pprovduta separatament u distinta b'mod ċar minn xulxin iżda permezz ta' mezz ta' data wieħed. Dan se jiffaċilita l-ħidma tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq iżda jipprovdi wkoll ċarezza lill-utenti finali fir-rigward tal-biċċiet differenti ta' informazzjoni li huma disponibbli għalihom f'format diġitali.

Emenda

(45) Meta ċerta informazzjoni tiġi pprovduta b'mod diġitali, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li din l-informazzjoni jeħtieġ li tiġi pprovduta separatament u distinta b'mod ċar minn xulxin iżda permezz ta' mezz ta' data wieħed. Dan se jiffaċilita l-ħidma tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq iżda jipprovdi wkoll ċarezza lill-utenti finali fir-rigward tal-biċċiet differenti ta' informazzjoni li huma disponibbli għalihom f'format diġitali.

Emenda 27
Proposta għal regolament
Premessa 60

Test propost mill-Kummissjoni

(60) Fid-dawl tal-ħtieġa li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa ***tal-bniedem*** u tal-ambjent u tal-ħtieġa li jittieħed kont ta' żviluppi ġodda bbażati fuq fatti xjentifiċi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Fir-rapport tagħha, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta inter alia jekk dan ir-Regolament ikunx qed jilħaq l-oġettivi tiegħu, b'kont meħud tal-impatti fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

Emenda

(60) Fid-dawl tal-ħtieġa li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent u tal-ħtieġa li jittieħed kont ta' żviluppi ġodda bbażati fuq fatti xjentifiċi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Fir-rapport tagħha, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta inter alia jekk dan ir-Regolament ikunx qed jilħaq l-oġettivi tiegħu, b'kont meħud tal-impatti fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

Emenda 28
Proposta għal regolament
Premessa 61

Test propost mill-Kummissjoni

(61) Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent, titrawwem l-innovazzjoni u tingħata spinta lill-kompetittività, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta r-rekwiżiti tas-sikurezza għad-deterġenti li fihom il-mikroorganiżmi u l-possibbiltà li jiġi permess l-użu ta' mikroorganiżmi jew ta' razez ta' mikroorganiżmi ġodda fid-deterġenti.

Emenda

(61) Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent, titrawwem l-innovazzjoni u tingħata spinta lill-kompetittività, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta r-rekwiżiti tas-sikurezza għad-deterġenti li fihom il-mikroorganiżmi u l-possibbiltà li jiġi permess l-użu ta' mikroorganiżmi jew ta' razez ta' mikroorganiżmi ġodda fid-deterġenti, ***jew li jirrestrinġu l-preżenza ta' xi wħud minnhom, fejn ikun meħtieġ.***

Emenda 29
Proposta għal regolament
Premessa 61a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(61a) Sabiex tiġi faċilitata t-tranżizzjoni lejn ekonomija kompletament ċirkolari, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta l-introduzzjoni ta' miri għall-materja prima rinnovabbli sostenibbli u għall-kontenut riċiklat għad-deterġenti.

Emenda 30
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

– taħlita maħsuba biex timmodifika kif jinħass ***id-drapp*** fi proċessi li għandhom jikkomplementaw il-ħasil tad-drapp;

Emenda

– taħlita maħsuba biex timmodifika ***ir-riħa tad-drapp, jew*** kif jinħass, fi proċessi li għandhom jikkomplementaw il-ħasil tad-drapp;

Emenda 31
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3a) "prodott tat-tindif tas-superfiċi ibsin" tfisser kwalunkwe prodott tat-tindif b'użi multipli, prodott tat-tindif tal-kċina, prodott tat-tindif tat-twieqi jew prodott tat-tindif tal-kamra tal-banju;

Emenda 32
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3b) "deterġent tal-ħasil tal-platti bl-idejn għall-konsumatur" tfisser deterġent użat għat-tindif ta' platti, pożati u utensili oħra tal-kċina bl-idejn, li jiġi introdott fis-suq għall-użu minn persuni mhux professjonali;

Emenda 33
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3c) "deterġent tal-ħasil tal-ħwejjeġ industrijali u istituzzjonali" tfisser deterġent tal-ħwejjeġ introdott fis-suq għall-użu minn persunal speċjalizzat

barra mill-isfera domestika;

Emenda 34
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3d) "deterġent tal-magni tal-ħasil tal-platti industrijali u istituzzjonali" tfisser deterġent introdott fis-suq għall-użu minn persunal speċjalizzat f'magni tal-ħasil tal-platti awtomatiċi barra mill-isfera domestika.

Emenda 35
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6) "tindif" tfisser il-proċess li bih depożitu mhux mixtieq jitneħħa minn substrat jew minn ġo substrat u jingiebb fi stat ta' soluzzjoni jew dispersjoni;

(6) "tindif" tfisser il-proċess li bih depożitu mhux mixtieq jitneħħa minn substrat jew minn ġo substrat u jingiebb fi stat ta' soluzzjoni jew dispersjoni, **inkluż bl-użu ta' mikroorganiżmi;**

Emenda 36
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 20

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(20) "sorveljanza tas-suq" tfisser l-attivitajiet imwettqa u l-miżuri meħuda mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq biex jiżguraw li l-prodotti jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament;

(20) "sorveljanza tas-suq" tfisser l-attivitajiet imwettqa u l-miżuri meħuda mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq biex jiżguraw li l-prodotti jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament **u leġislazzjoni oħra applikabbli tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni u biex jiżguraw il-protezzjoni tal-interess pubbliku kopert b'dik il-leġislazzjoni;**

Emenda 37
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 21

Test propost mill-Kummissjoni

(21) "awtorità tas-sorveljanza tas-suq" tfisser awtorità tas-sorveljanza tas-suq kif definita fl-Artikolu 3, il-punt 4 tar-Regolament (UE) 2019/1020;

Emenda

(21) "awtorità tas-sorveljanza tas-suq" tfisser awtorità tas-sorveljanza tas-suq kif definita fl-Artikolu 3, il-punt 4, tar-Regolament (UE) 2019/1020 **bħala r-responsabbli għall-organizzazzjoni u t-twettiq tas-sorveljanza tas-suq fit-territorju ta' dak l-Istat Membru;**

Emenda 38
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 24

Test propost mill-Kummissjoni

(24) "**markatura CE**" tfisser **markatura li permezz tagħha l-manifattur jindika li d-deterġent huwa konformi mar-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fil-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni li tipprevedi t-twaħħil tagħha;**

Emenda

imħassar

Emenda 39
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 25

Test propost mill-Kummissjoni

(25) "**miżura** korrettiva" tfisser **miżura** kif definita fl-Artikolu 3, il-punt 16 tar-Regolament (UE) 2019/1020;

Emenda

(25) "**azzjoni** korrettiva" tfisser **azzjoni** kif definita fl-Artikolu 3, il-punt 16, tar-Regolament (UE) 2019/1020**1a**;

^{1a} Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li

Emenda 40
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 28

Test propost mill-Kummissjoni

(28) "identifikatur uniku tal-prodott" tfisser sekwenza unika ta' karattri **li tippermetti l-identifikazzjoni** ta' prodott **u** li tippermetti link web għall-passaport tal-prodotti;

Emenda

(28) "identifikatur uniku tal-prodott" tfisser sekwenza unika ta' karattri **għall-identifikazzjoni** ta' prodott li tippermetti **wkoll** link web għall-passaport tal-prodotti;

Emenda 41
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 29

Test propost mill-Kummissjoni

(29) "identifikatur uniku tal-operatur" tfisser sekwenza unika ta' karattri għall-identifikazzjoni **tal-operaturi ekonomiċi** involuti fil-katina tal-valur tal-prodotti;

Emenda

(29) "identifikatur uniku tal-operatur" tfisser sekwenza unika ta' karattri għall-identifikazzjoni **tal-atturi** involuti fil-katina tal-valur tal-prodotti;

Emenda 42
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 33

Test propost mill-Kummissjoni

(33) "rikarika" tfisser l-operazzjoni li biha **d-deterġent jimtela fil-ħanut** minn **kontenitur kbir fil-pakkett tal-utenti finali stess manwalment jew permezz ta' tagħmir awtomatiku jew semiawtomatiku**;

Emenda

(33) "rikarika" tfisser l-operazzjoni li biha **konsumatur jew utent professjonali jimla imballaġġ b'deterġent offrut** minn **fornitur matul attività kummerċjali, kemm jekk bi ħlas kif ukoll jekk mingħajr ħlas**;

Emenda 43
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 34a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(34a) "mudell" tfisser grupp ta' deterġenti jew aġenti tensjoattivi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

- ikunu fir-responsabbiltà tal-istess manifattur,

- ikollhom l-istess kontenut, skont il-Parti A tal-Anness V, u jkunu manifatturati bl-użu tal-istess proċessi ta' manifattura;

- ikun maħsuba li jkollhom kompożizzjoni uniformi meta jiġu ttestjati skont l-istess metodi ta' ttestjar; u

- ikunu definiti b'mod ċar b'numru tat-tip jew element ieħor li jippermetti l-identifikazzjoni tagħhom;

Emenda 44
Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal *dawn* li ġejjin:

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal **aġenti tensjoattivi li huma sustanzi attivi kif definit fl-Artikolu 3(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 u li jintużaw bħala diżinfettanti meta jissodisfaw kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:**

Emenda 45
Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) **aġenti tensjoattivi li huma sustanzi attivi skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1), il-punt (c) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 u li jintużaw bħala diżinfettanti meta jissodisfaw kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:**

(a) **huma inklużi fil-lista tal-Unjoni ta' sustanzi attivi approvati kif stabbilit fl-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012;**

Emenda 46
Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(i) *l-aġenti tensjoattivi huma inklużi fil-lista tal-Unjoni ta' sustanzi attivi approvati kif stabbilit fl-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012;* ***imħassar***

Emenda 47
Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ii) *l-aġenti tensjoattivi huma inklużi fil-programm ta' rieżami kif stabbilit fir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014⁴⁵ ;* ***imħassar***

⁴⁵ *Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 tal-4 ta' Awwissu 2014 dwar il-programm ta' ħidma għall-evalwazzjoni sistematika tas-sustanzi attivi bijoċidali kollha li jeżistu fil-prodotti bijoċidali msemmijin fir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 294, 10.10.2014, p. 1).*

Emenda 48
Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2– punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) *aġenti tensjoattivi li huma*
kostitwenti ta' prodotti bijoċidali
awtorizzati f'konformità mar-Regolament
(UE) Nru 528/2012;

Emenda

(b) *huma inklużi fil-programm ta'*
rieżami kif stabbilit fir-Regolament ta'
Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru
1062/2014^{1a};

^{1a} *Ir-Regolament ta' Delega tal-*
Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 tal-4
ta' Awwissu 2014 dwar il-programm ta'
ħidma għall-evalwazzjoni sistematika tas-
sustanzi attivi bijoċidali kollha li jeżistu
fil-prodotti bijoċidali msemmijin fir-
Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-
Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L
294, 10.10.2014, p. 1).

Emenda 49
Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) *aġenti tensjoattivi li huma*
kostitwenti ta' prodotti bijoċidali u li
jistgħu jitqiegħdu fis-suq jew jintużaw
f'konformità mal-Artikolu 89(2) tar-
Regolament (UE) Nru 528/2012.

Emenda

(c) *huma kostitwenti ta' prodotti*
bijoċidali u jistgħu jitqiegħdu fis-suq jew
jintużaw f'konformità mal-Artikolu 55 tar-
Regolament (UE) Nru 528/2012.

Emenda 50
Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Sa... [4 snin mid-dħul fis-seħħ tal-att delegat adottat f'konformità mat-tieni subparagrafu] l-ingredjenti organiċi tad-deterġenti għajr l-aġenti tensjoattivi għandhom ikunu bijodegradabbli b'mod inerenti.

Sa... [sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 27 biex tissupplimenta l-Anness I bi kriterji tal-bijodegradabbiltà b'mod inerenti u metodi tal-ittestjar għall-kostitwenti għajr għall-aġenti tensjoattivi.

Fejn ikun meħtieġ, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 27 biex tippermetti l-użu ta' sustanzi fid-deterġenti li ma jikkonformawx mal-kriterji tal-bijodegradabbiltà stabbiliti f'konformità mal-Anness I.

Meta tadotta atti delegati f'konformità mat-tieni u t-tielet subparagrafi, il-Kummissjoni għandha tqis il-prattiki tal-manifattura, id-disponibbiltà ta' alternattivi teknikament u ekonomikament fattibbli, l-impatt fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u l-impatt fuq is-saħħa u l-ambjent.

Emenda 51
Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2b. Sa... [sentejn mid-dħul fis-seħħ tal-att delegat adottat f'konformità mat-tieni subparagrafu], il-film li jinħall fl-ilma ta' madwar id-deterġenti għandu jkun degradabbli.

Sa... [18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 27 biex tissupplimenta l-Anness I bi kriterji u metodi ta' ttestjar għad-degradabbiltà tal-film li jinħall fl-ilma ta' madwar id-deterġenti.

Emenda 52
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-ewwel paragrafu ma għandux japplika għal deterġenti li huma prodotti bijoċidali industrijali fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 jew apparati mediċi fit-tifsira tar-Regolament (UE) 2017/745^{1a}.

^{1a} Ir-Regolament (UE) 2017/745 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2017 dwar apparati mediċi, li jemenda d-Direttiva 2001/83/KE, ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 u r-Regolament (KE) Nru 1223/2009 u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 90/385/KEE u 93/42/KEE (ĠU L 117, 5.5.2017, p. 1);

Emenda 53
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-preżenza mhux intenzjonata fl-aġenti tensjoattivi u fid-deterġenti ta' fosfati u ta' komposti tal-fosforu oħra li jirriżultaw mill-impuritajiet tal-ingredjenti, mill-proċess tal-manifattura jew mill-ħżin jew mill-migrazzjoni mill-imballaġġ, għandha tiġi ttollerata jekk dik il-preżenza tkun teknikament inevitabbli fil-prattika tajba tal-manifattura u, minkejja din il-preżenza, daww l-aġenti tensjoattivi u deterġenti jkunu sikuri.

Ittestjar fuq l-annimali

1. *Is-sikurezza tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi u l-konformità ma' dan ir-Regolament għandhom jiġu stabbiliti billi jintużaw metodi ta' approċċ ġodda li jinvolvux l-annimali validati u adottati fil-livell tal-Unjoni.*

2. *Mingħajr preġudizzju għall-obbligi ġenerali skont l-Artikolu 1 (1), dawn li ġejjin għandhom ikunu pprojbiti:*

(a) *L-introduzzjoni fis-suq ta' deterġenti u ta' aġenti tensjoattivi fejn il-formulazzjoni finali jew l-ingredjenti jew it-taħlita ta' ingredjenti kienu s-suġġett ta' ttestjar fuq l-annimali, sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament;*

(b) *il-prestazzjoni fl-Unjoni tal-ittestjar fuq l-annimali ta' deterġenti u aġenti tensjoattivi lesti jew ingredjenti jew taħlitiet ta' ingredjenti bil-għan li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.*

3. *Il-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu applikabbli mingħajr preġudizzju għad-dritt rilevanti tal-Unjoni, u ma għandhomx jipprevjenu l-użu ta' data miksuba qabel [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].*

4. *F'ċirkostanzi eċċezzjonali, fejn jinqala' tħassib fir-rigward tas-sikurezza ta' ingredjent tad-deterġent, il-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjoni li tagħti deroga mill-paragrafi 1 u 2. Il-Kummissjoni tista' taġixxi fuq inizjattiva tagħha stess jew abbażi ta' talba motivata minn operatur ekonomiku jew Stat Membru.*

Meta l-Kummissjoni taġixxi abbażi ta' talba motivata minn operatur ekonomiku jew Stat Membru, dik it-talba għandha tinkludi evalwazzjoni tas-sitwazzjoni u tindika l-miżuri meħtieġa. Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni tista', wara li tikkonsulta mal-Kumitat xjentifiku, Aġenzija jew korp rilevanti, tadotta deċiżjoni li tawtorizza d-deroga.

Dik id-deċiżjoni għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet assoċjati ma' dik id-deroga f'termini ta' għanijiet speċifiċi, tul taż-żmien u rappurtar tar-riżultati. Deroga tista' tiġi konċessa biss meta:

(a) *l-ingredjent ikun jintuża b'mod mifrux u ma jistax jiġi mibdul b'ingredjent ieħor li jkun kapaċi jwettaq funzjoni simili;*

(b) *il-problema tas-saħħa tal-bniedem tkun sostanzjata u l-ħtieġa li jitwettqu testijiet fuq l-annimali tkun ġustifikata u tkun appoġġjata minn protokoll dettaljat ta' riċerka propost b'ħala l-bażi għall-evalwazzjoni.*

Emenda 55
Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(c) fejn rilevanti, iwaħḥlu l-markatura
CE f'konformità mal-Artikolu 14,**

imħassar

Emenda 56
Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Il-manifatturi għandhom iżommu **d-dokumentazzjoni** teknika u l-passaport tal-prodotti għal 10 snin wara li d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv kopert minn dik id-dokumentazzjoni jew mill-passaport tal-prodotti jkun ġie introdott fis-suq.

3. Il-manifatturi għandhom iżommu, **u fejn ikun meħtieġ jaġġornaw id-dokumentazzjoni** teknika u l-passaport tal-prodotti għal 10 snin wara li d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv kopert minn dik id-dokumentazzjoni jew mill-passaport tal-prodotti jkun ġie introdott fis-suq.

Emenda 57
Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 6 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) fuq talba mill-korpi maħtura tal-Istati Membri;

(a) fil-mument tal-introduzzjoni ta' deterġent fis-suq;

Emenda 58
Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 6 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) meta d-deterġent li għalih tkun diġà ntalbet skeda tad-data ma jibqax jikkorrispondi mal-informazzjoni inkluża f'dik l-iskeda tad-data.

(b) meta d-deterġent li għalih tkun diġà nkisbet skeda tad-data ma jibqax jikkorrispondi mal-informazzjoni inkluża f'dik l-iskeda tad-data.

Emenda 59
Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. Il-manifatturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li deterġent jew aġent tensjoattiv li jkunu introduċew fis-suq ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament għandhom jieħdu immedjatement **il-miżuri** korrettivi meħtieġa biex dak id-deterġent jew aġent tensjoattiv jingiebi konformi, jiġi rtirat jew jissejjaħ lura, kif ikun xieraq. Barra minn hekk, meta l-manifatturi jqisu jew ikollhom raġuni biex jemmnu li deterġent jew aġent tensjoattiv li jkunu introduċew fis-suq jippreżenta riskju għas-saħħa jew għall-ambjent, huma għandhom jinfurmaw immedjatement dwar dan lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri li fihom ikunu qiegħdu d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv fis-suq, u jagħtu dettalji, b'mod partikolari, ta' kwalunkwe nuqqas ta' konformità u ta' kwalunkwe **miżura** korrettiva meħuda.

Emenda 60
Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7. Il-manifatturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li deterġent jew aġent tensjoattiv li jkunu introduċew fis-suq ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament għandhom jieħdu immedjatement **l-azzjonijiet** korrettivi meħtieġa biex dak id-deterġent jew aġent tensjoattiv jingiebi konformi, jiġi rtirat jew jissejjaħ lura, kif ikun xieraq. Barra minn hekk, meta l-manifatturi jqisu jew ikollhom raġuni biex jemmnu li deterġent jew aġent tensjoattiv li jkunu introduċew fis-suq jippreżenta riskju għas-saħħa jew għall-ambjent, huma għandhom jinfurmaw immedjatement dwar dan lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri li fihom ikunu qiegħdu d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv fis-suq, u jagħtu dettalji, b'mod partikolari, ta' kwalunkwe nuqqas ta' konformità u ta' kwalunkwe **azzjoni** korrettiva meħuda.

7a. Il-manifatturi għandhom, fuq talba, jaqsmu l-informazzjoni rilevanti b'mod f'waqtu mal-operaturi ekonomiċi rilevanti, inklużi d-distributuri, l-importaturi u r-rappreżentanti awtorizzati, fil-katina tal-provvista kkonċernata dwar kwalunkwe kwistjoni ta' konformità jew riskju għas-saħħa jew għall-ambjent li jkunu identifikaw fir-rigward tal-prodott tagħhom, u dwar kwalunkwe azzjoni korrettiva, sejħa lura jew irtirar konsegwenti.

Emenda 61
Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni

8. Il-manifatturi għandhom, fuq talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovduha l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha, ***fuq karta jew f'forma elettronika***, meħtieġa biex juru l-konformità tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv ma' dan ir-Regolament, b'lingwa li tista' tinftiehem faċilment minn dik l-awtorità. Huma għandhom jikkoperaw ma' dik l-awtorità, fuq talba tagħha, dwar kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji maħluqa minn deterġent jew aġent tensjoattiv li huma jkunu introduċew fis-suq.

Emenda

8. Il-manifatturi għandhom, fuq talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovduha l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha, ***f'format elettroniku u, fuq talba, f'format stampat***, meħtieġa biex juru l-konformità tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv ma' dan ir-Regolament, b'lingwa li tista' tinftiehem faċilment minn dik l-awtorità. ***L-informazzjoni u d-dokumentazzjoni rilevanti għandhom jiġu pprovduti fi żmien 20 jum ta' xogħol minn meta tasal it-talba***. Huma għandhom jikkoperaw ma' dik l-awtorità, fuq talba tagħha, dwar kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji maħluqa minn deterġent jew aġent tensjoattiv li huma jkunu introduċew fis-suq.

Emenda 62
Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

8a. Il-manifatturi għandhom jagħmlu l-mezzi ta' komunikazzjoni tagħhom, bħal numru tat-telefon, indirizz tal-posta elettronika jew sezzjoni ddedikata tas-sit web tagħhom, disponibbli pubblikament fuq is-sit web tagħhom, filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet ta' aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà u jippermettu lill-utenti finali jissottomettu lmenti jew tħassib dwar nuqqas ta' konformità potenzjali tal-prodotti jew kwistjonijiet ta' sikurezza.

Emenda

Emenda 63
Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-manifatturi jistgħu, b'mandat bil-miktub, jaħtru rappreżentant awtorizzat.

Emenda

1. Il-manifatturi jistgħu, b'mandat bil-miktub, jaħtru rappreżentant awtorizzat. ***Il-mandat tar-rappreżentant awtorizzat għandu jkun validu biss meta jiġi aċċettat bil-miktub mir-rappreżentant awtorizzat.***

Emenda 64
Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Il-manifatturi li mhumix stabbiliti fl-Unjoni għandhom jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali dwar l-indirizz postali u tal-posta elettronika tar-rappreżentant awtorizzat tagħhom.

Emenda 65
Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Rappreżentant awtorizzat għandu jwettaq il-kompiti speċifikati fil-mandat li jirċievi mingħand il-manifattur. Ir-rappreżentant awtorizzat għandu jipprovdi kopja tal-mandat lill-awtorità kompetenti, fuq talba.

Emenda

Rappreżentant awtorizzat għandu jwettaq il-kompiti speċifikati fil-mandat li jirċievi mingħand il-manifattur. Ir-rappreżentant awtorizzat għandu ***jkollu l-mezzi xierqa biex iwettaq il-kompiti speċifikati fil-mandat.*** Ir-rappreżentant awtorizzat għandu jipprovdi kopja tal-mandat lill-awtorità kompetenti, fuq talba.

Emenda 66
Proposta għal regolament
Article 8 – paragraph 3 – subparagraph 2 – point c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) wara talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovdi lil dik l-awtorità l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex juri l-konformità tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament;

Emenda

(c) wara talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovdi lil dik l-awtorità l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex juri l-konformità tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, ***fi żmien 20 jum tax-xogħol mill-wasla tat-talba u b'lingwa li tista' tinftiehem faċilment minn dik l-awtorità;***

Emenda 67
Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) itemm il-mandat jekk il-manifattur ma jikkonformax mal-obbligi tal-manifattur skont dan ir-Regolament.

Emenda

(e) itemm il-mandat jekk il-manifattur ma jikkonformax mal-obbligi tal-manifattur skont dan ir-Regolament ***u jinforma, fi żmien 20 jum tax-xogħol, lill-awtorità tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit il-manifattur dwar it-terminazzjoni tal-mandat.***

Emenda 68
Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) meta r-rappreżentant awtorizzat jikkunsidra jew ikollu raġuni li jemmin li deterġent jew prodott tensjoattiv jippreżenta sogr u għas-saħħa jew għall-ambjent, jinforma lill-manifattur b'dan;

Emenda 69
Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Meta jinbidel ir-rappreżentant awtorizzat, l-arranġamenti dettaljati relatati ma' dik il-bidla għandhom jiġu stabbiliti f'mandat f'konformità mal-paragrafi 1, 2, u 3.

Emenda 70

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2– punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) id-deterġent ikollu l-markatura CE msemmija fl-Artikolu 14;

imħassar

Emenda 71
Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. L-importaturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tagħhom **u** l-indirizz postali u tal-posta elettronika li **fi** ikunu jistgħu jiġu kkuntattjati fuq it-tikketta tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv. Id-dettalji ta' kuntatt għandhom ikunu b'lingwa li tinftiehem faċilment mill-utenti finali u mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

4. L-importaturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tagħhom, l-indirizz postali u tal-posta elettronika **u n-numru tat-telefon** li **fi** ikunu jistgħu jiġu kkuntattjati fuq it-tikketta tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv. Id-dettalji ta' kuntatt għandhom ikunu b'lingwa li tinftiehem faċilment mill-utenti finali u mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq **u għandhom ikunu ċari, ikunu jistgħu jinftiehm u jinqraw.**

Emenda 72
Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni

8. L-importaturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li deterġent jew aġent tensjoattiv li jkunu introduċew fis-suq ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament għandhom **jieħdu** immedjatament **il-miżuri** korrettivi meħtieġa biex dak id-deterġent jew aġent tensjoattiv jingiebi konformi, jiġi rtirat jew jissejjaħ lura, kif ikun xieraq. Barra minn hekk, meta l-importaturi jqisu jew ikollhom raġuni biex jemmnu li deterġent jew aġent tensjoattiv li jkunu introduċew fis-suq jippreżenta riskju għas-saħħa jew għall-ambjent, huma għandhom jinfurmaw immedjatament b'dan lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri li fihom ikunu qiegħdu d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv fis-suq, u jagħtu dettalji, b'mod partikolari, ta' kwalunkwe nuqqas ta' konformità u ta' kwalunkwe **miżura** korrettiva meħuda.

Emenda 73
Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

8. L-importaturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li deterġent jew aġent tensjoattiv li jkunu introduċew fis-suq ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament għandhom **immedjatament jinformaw lill-manifattur u lill-awtoritajiet kompetenti u jikkooperaw magħhom u għandhom** immedjatament **jieħdu l-azzjonijiet** korrettivi meħtieġa biex dak id-deterġent jew aġent tensjoattiv jingiebi konformi, jiġi rtirat jew jissejjaħ lura, kif ikun xieraq. Barra minn hekk, meta l-importaturi jqisu jew ikollhom raġuni biex jemmnu li deterġent jew aġent tensjoattiv li jkunu introduċew fis-suq jippreżenta riskju għas-saħħa jew għall-ambjent, huma għandhom jinfurmaw immedjatament b'dan **lill-manifattur u** lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri li fihom ikunu qiegħdu d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv fis-suq, u jagħtu dettalji, b'mod partikolari, ta' kwalunkwe nuqqas ta' konformità u ta' kwalunkwe **azzjoni** korrettiva meħuda.

Emenda

8a. L-importaturi għandhom, fuq talba tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, jaqsmu l-informazzjoni rilevanti b'mod f'waqtu mal-operaturi ekonomiċi rilevanti, inklużi d-distributuri u r-rappreżentanti awtorizzati, fil-katina tal-provvista kkonċernata rigward kwalunkwe kwistjoni ta' konformità jew riskju għas-saħħa jew għall-ambjent li jkunu identifikaw fir-rigward tal-prodott tagħhom, u dwar kwalunkwe azzjoni korrettiva, sejħa lura jew irtirar

konsegwenti.

Emenda 74
Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni

10. L-importaturi għandhom, wara talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovduha l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha, ***f'forma stampata jew elettronika***, meħtieġa biex juru l-konformità tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv ma' dan ir-Regolament, b'lingwa li tista' tinftiehem faċilment minn dik l-awtorità. Huma għandhom jikkooperaw ma' dik l-awtorità, fuq talba tagħha, dwar kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji maħluqa minn deterġent jew aġent tensjoattiv li huma jkunu introduċew fis-suq.

Emenda

10. L-importaturi għandhom, wara talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovduha l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha, ***f'format elettroniku u, fuq talba, f'format stampat***, meħtieġa biex juru l-konformità tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv ma' dan ir-Regolament, b'lingwa li tista' tinftiehem faċilment minn dik l-awtorità. ***L-informazzjoni u d-dokumentazzjoni rilevanti għandhom jiġu pprovduti fi żmien 20 jum ta' xogħol minn meta tasal it-talba***. Huma għandhom jikkooperaw ma' dik l-awtorità, fuq talba tagħha, dwar kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji maħluqa minn deterġent jew aġent tensjoattiv li huma jkunu introduċew fis-suq.

Emenda 75
Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

10a. L-importaturi għandhom jivverifikaw jekk il-mezzi ta' komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 7(8a) humiex pubblikament disponibbli għall-konsumaturi, biex b'hekk jippermettu lill-konsumaturi jippreżentaw ilmenti jew tħassib rigward in-nuqqas ta' konformità potenzjali tal-prodotti. Meta tali mezzi ma jkunux disponibbli, l-importaturi għandhom jipprevedu tali mezzi, filwaqt li jqisu l-bżonnijiet ta' aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà.

Emenda 76
Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2– punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) id-deterġent ikollu l-markatura CE msemija fl-Artikolu 14;

Emenda

imħassar

Emenda 77
Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Id-distributuri li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li deterġent jew aġent tensjoattiv li jkunu qiegħdu fis-suq ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament għandhom jiżguraw li jittieħdu ***l-miżuri*** korrettivi meħtieġa biex dak id-deterġent jew aġent tensjoattiv jingiebi konformi, jiġi rtirat jew jissejjaħ lura, kif ikun xieraq. Barra minn hekk, meta d-distributuri jqisu jew ikollhom raġuni biex jemmnu li deterġent jew aġent tensjoattiv li jkunu qiegħdu fis-suq jippreżenta riskju għas-saħħa jew għall-ambjent, huma għandhom jinfurmaw immedjatament dwar dan lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri li fihom ikunu qiegħdu d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv fis-suq, u jagħtu dettalji, b'mod partikolari, ta' kwalunkwe nuqqas ta' konformità u ta' kwalunkwe ***miżura*** korrettiva meħuda.

Emenda

5. Id-distributuri li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li deterġent jew aġent tensjoattiv li jkunu qiegħdu fis-suq ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament għandhom ***immedjatament jinfurmaw lill-manifattur jew lill-importatur u jikkooperaw magħhom, skont il-każ, u lill-awtoritajiet kompetenti u għandhom*** jiżguraw li jittieħdu ***l-azzjonijiet*** korrettivi meħtieġa biex dak id-deterġent jew aġent tensjoattiv jingiebi konformi, jiġi rtirat jew jissejjaħ lura, kif ikun xieraq. Barra minn hekk, meta d-distributuri jqisu jew ikollhom raġuni biex jemmnu li deterġent jew aġent tensjoattiv li jkunu qiegħdu fis-suq jippreżenta riskju għas-saħħa jew għall-ambjent, huma għandhom jinfurmaw immedjatament dwar dan lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri li fihom ikunu qiegħdu d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv fis-suq, u jagħtu dettalji, b'mod partikolari, ta' kwalunkwe nuqqas ta' konformità u ta' kwalunkwe ***azzjoni*** korrettiva meħuda.

Emenda 78
Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Id-distributuri għandhom, fuq talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovduha bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha, ***fuq karta jew f'forma elettronika***, meħtieġa biex juru l-konformità tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv ma' dan ir-Regolament. Huma għandhom jikkooperaw ma' dik l-awtorità, fuq talba tagħha, dwar kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji maħluqa minn deterġenti u aġenti tensjoattivi li huma jkunu qiegħdu fis-suq.

Emenda

6. Id-distributuri għandhom, fuq talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovduha bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha, ***f'format elettroniku u, fuq talba, f'format stampat***, meħtieġa biex juru l-konformità tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv ma' dan ir-Regolament. ***L-informazzjoni u d-dokumentazzjoni rilevanti għandhom jiġu pprovduti fi żmien 20 jum ta' xogħol minn meta tasal it-talba***. Huma għandhom jikkooperaw ma' dik l-awtorità, fuq talba tagħha, dwar kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji maħluqa minn deterġenti u aġenti tensjoattivi li huma jkunu qiegħdu fis-suq.

Emenda 79
Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) li jiżgura li l-imballaġġ ikollu fuqu ismu, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata u ***l-indirizz postali tiegħu*** preċeduti mill-kliem "imballat minn" jew "imballat mill-ġdid minn";

Emenda

(a) li jiżgura li l-imballaġġ ikollu fuqu ismu, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata, ***l-indirizz postali u tal-posta elettronika u n-numru tat-telefon fejn jista' jiġi kkuntattjat***, preċeduti mill-kliem "imballat minn" jew "imballat mill-ġdid minn";

Emenda 80
Proposta għal regolament
Artikolu 14

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 14

imħassar

Regoli u kundizzjonijiet għat-twaħħil tal-markatura CE

1. Il-markatura CE għandha tkun soġġetta għall-prinċipji ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

2. Il-markatura CE għandha titwaħħal b'mod viżibbli, leġġibbli u li ma titħassarx qabel ma deterġent jiġi introdott fis-suq.

Il-markatura CE għandha titwaħħal mat-tikketta jew mal-imballaġġ ta' deterġent jew, meta d-deterġent jiġi fornut bl-ingrossa, ma' dokument li jakkumpanja d-deterġent.

Meta, f'konformità mal-Artikolu 16(2), l-operaturi ekonomiċi jistgħu jipprovdu tikketta diġitali biss, il-markatura CE għandha tiġi pprovduta fuq it-tikketta diġitali.

3. L-Istati Membri għandhom jibnu fuq il-mekkaniżmi eżistenti biex jiżguraw l-applikazzjoni korretta tar-reġim li jirregola l-markatura CE u għandhom jieħdu azzjoni xierqa fil-każ ta' użu mhux xieraq ta' dik il-markatura.

Emenda 81
Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Operatur ekonomiku li jqiegħed deterġent fis-suq direttament lil utent finali f'format ta' rikarika għandu jipprovdi t-tikketta fiżika *jew il-mezz* ta' data li

2. Operatur ekonomiku li jqiegħed deterġent fis-suq direttament lil utent finali f'format ta' rikarika għandu jipprovdi t-tikketta fiżika *u l-mezz* ta' data li permezz

permezz tiegħu t-tikketta diġitali tkun aċċessibbli għall-utent finali.

tiegħu t-tikketta diġitali tkun aċċessibbli għall-utent finali.

Emenda 82

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) numru tat-tip, numru tal-lott jew element ieħor li jippermetti l-identifikazzjoni tagħhom;

Emenda

(a) numru tat-tip, numru ***tal-mudell, numru*** tal-lott jew element ieħor li jippermetti l-identifikazzjoni tagħhom;

Emenda 83

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-isem, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tal-manifattur ***u*** l-indirizz postali u tal-posta elettronika li fih jistgħu jiġu kkuntattjati. L-indirizz postali għandu jindika punt uniku li fih jista' jiġi kkuntattjat il-manifattur;

Emenda

(b) l-isem ***tal-manifattur u, meta rilevanti, l-isem tar-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur***, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tal-manifattur, l-indirizz postali u tal-posta elettronika ***u n-numru tat-telefon*** li fih jistgħu jiġu kkuntattjati. L-indirizz postali għandu jindika punt uniku li fih jista' jiġi kkuntattjat il-manifattur;

Emenda 84

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 3 u 4 għandha tkun f'lingwa li tista' tinftiehem faċilment mill-utenti finali, kif iddeterminat mill-Istat Membru kkonċernat, u għandha tkun ċara, tinftiehem u intelliġibbli. It-tikketta għandha tkun aċċessibbli għal skopijiet ta' spezzjoni meta d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv ikunu mqiegħda fis-suq.

Emenda

5. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 3 u 4 għandha tkun f'lingwa li tista' tinftiehem faċilment mill-utenti finali, kif iddeterminat mill-Istat Membru kkonċernat, u għandha tkun ċara, tinftiehem u intelliġibbli, ***u għandha tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima 1.2.1.4 u 1.2.1.5 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008***. It-tikketta għandha tkun aċċessibbli għal skopijiet ta' spezzjoni meta

d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv ikunu mqiegħda fis-suq.

Emenda 85
Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva .../... [id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sostanzjar u l-komunikazzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti (id-Direttiva dwar l-asserzjonijiet ekoloġiċi) COM/2023/166 final], it-tikketta tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi tista' tirrapporta l-fatt li ma jkun twettaq l-ebda test fuq l-annimali biss jekk il-manifattur u l-fornituri tiegħu, fejn din l-informazzjoni tista' tiġi identifikata mill-manifattur bl-isforzi raġonevoli kollha, ma jkunu wettqu jew ikkummissjonaw l-ebda test fuq l-annimali fuq id-deterġent jew l-aġent tensjoattiv lest, jew il-prototip tiegħu, jew fl-ebda ingredjent fih, u ma jkunu użaw l-ebda ingredjent li jkun ġie ttestjat fuq l-annimali minn oħrajn bil-għan li jiġu żviluppati deterġenti jew aġenti tensjoattivi ġodda. It-tikketta tista' tirrapporta biss il-fatt li d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv huwa "vegan" jew "ma jinvolvi annimali" jekk ma jkun intuża l-ebda ingredjent derivat mill-annimali jew prodott sekondarju mill-annimali fil-produzzjoni u l-iżvilupp tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv.

Emenda 86
Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) fuq tikketta fiżika;

(a) fuq tikketta fiżika **jew**;

Emenda 87
Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

B'deroga mill-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, l-elementi tat-tikkettar stabbiliti fil-Parti C tal-Anness V ma għandhomx għalfejn jiġu duplikati fuq it-tikketta fiżika. Barra minn hekk, meta l-informazzjoni dwar id-dożaġġ għad-deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ għall-konsumatur f'konformità mal-punti 1 u 2 tal-parti B tal-Anness V tiġi pprovduta fuq it-tikketta diġitali, tista' tiġi pprovduta grilja tad-dożaġġ simplifikata kif stabbilit fil-parti D tal-Anness V fuq it-tikketta fiżika.

Emenda

Meta l-informazzjoni dwar id-dożaġġ għad-deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ għall-konsumatur f'konformità mal-punti 1 u 2 tal-parti B tal-Anness V tiġi pprovduta fuq it-tikketta diġitali, tista' tiġi pprovduta grilja tad-dożaġġ simplifikata kif stabbilit fil-parti D tal-Anness V fuq it-tikketta fiżika.

Emenda 88
Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. ***B'deroga mill-paragrafu 1, meta d-deterġenti jitqiegħdu fis-suq direttament lil utent finali f'format ta' rikarika, l-elementi tat-tikketta stabbiliti fl-Artikolu 15(3) u (4) jistgħu jiġu pprovduti f'tikketta diġitali biss, bl-eċċezzjoni tal-informazzjoni dwar id-dożaġġ għad-deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ għall-konsumatur kif stabbilit fil-punti 1 u 2 tal-parti B tal-Anness V, li jeħtieġ li tiġi pprovduta wkoll fuq tikketta fiżika.***

Emenda

2. Meta d-deterġenti jitqiegħdu fis-suq direttament ***għall-utent*** finali f'format ta' rikarika, ***l-operatur għandu jiżgura li*** l-elementi tat-tikketta stabbiliti fl-Artikolu 15(2), (3) u (4) ***ikunu mwaħħla mal-imballaġġ.***

Emenda 89
Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-informazzjoni fuq it-tikketta diġitali għandha tkun tista' tiġi mfittxija;

Emenda

(b) l-informazzjoni fuq it-tikketta diġitali għandha tkun tista' tiġi mfittxija ***faċilment***;

Emenda 90
Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) l-informazzjoni fuq it-tikketta diġitali għandha tiġi ppreżentata ***b'mod*** li jindirizza l-ħtiġijiet ta' gruppi vulnerabbli u ***jappoġġa***, kif rilevanti, l-adattamenti meħtieġa biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-informazzjoni minn dawk il-gruppi;

Emenda

(e) l-informazzjoni fuq it-tikketta diġitali għandha tiġi ppreżentata ***f'format*** li jindirizza l-ħtiġijiet ta' gruppi vulnerabbli, ***inklużi l-persuni b'diżabbiltà***, u ***jappoġġaw***, kif rilevanti, l-adattamenti meħtieġa biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-informazzjoni minn dawk il-gruppi;

Emenda 91
Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) l-informazzjoni fuq it-tikketta diġitali għandha tkun aċċessibbli permezz tal-mezz ta' data.

Emenda

(i) l-informazzjoni fuq it-tikketta diġitali għandha tkun aċċessibbli ***faċilment*** permezz tal-mezz ta' data.

Emenda 92
Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-mezz ta' data għandu jkun fiżikament preżenti fuq id-deterġent jew fuq l-aġent tensjoattiv, l-imballaġġ tagħhom jew id-dokumentazzjoni li takkumpanjahom.

Emenda

Il-mezz ta' data għandu jkun fiżikament preżenti ***b'mod li jidher, li jinqara u li ma jitħassarx*** fuq id-deterġent jew fuq l-aġent tensjoattiv, l-imballaġġ tagħhom jew id-dokumentazzjoni li takkumpanjahom, ***b'mod li jippermettilu jkun ipproċessat awtomatikament minn apparati diġitali***.

Emenda 93
Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Meta l-operaturi ekonomiċi jipprovdu tikketta diġitali, il-mezz ta' data għandu jkun akkumpanjat mid-dikjarazzjoni ***"Informazzjoni aktar komprensiva dwar il-prodott hija disponibbli online"*** jew minn dikjarazzjoni simili.

Emenda

3. Meta l-operaturi ekonomiċi jipprovdu tikketta diġitali, il-mezz ta' data għandu jkun akkumpanjat mid-dikjarazzjoni ***"Jekk jogħġbok skennja għal informazzjoni aktar komprensiva dwar il-prodott"*** jew minn dikjarazzjoni simili.

Emenda 94
Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-operaturi ekonomiċi **li jipprovdu tikketta diġitali** ma għandhomx jittraċċaw, janalizzaw jew jużaw kwalunkwe informazzjoni dwar l-użu għal finijiet oħra għajr dak li jkun assolutament meħtieġ għall-għoti tal-informazzjoni fuq it-tikketta diġitali online.

Emenda

4. L-operaturi ekonomiċi ma għandhomx jittraċċaw, janalizzaw jew jużaw kwalunkwe informazzjoni dwar l-użu għal finijiet oħra għajr dak li jkun assolutament meħtieġ għall-għoti tal-informazzjoni fuq it-tikketta diġitali online.

Emenda 95
Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

L-operaturi ekonomiċi **li jipprovdu tikketta diġitali** għandhom jipprovdu l-informazzjoni preżenti fit-tikketta diġitali b'mezzi oħra fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

Emenda

L-operaturi ekonomiċi għandhom jipprovdu l-informazzjoni preżenti fit-tikketta diġitali b'mezzi oħra **u mingħajr ħlas** fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

Emenda 96
Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Dan l-obbligu għandu japplika 18-il xahar mid-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-paragrafu 9.

Emenda 97
Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) huwa għandu jikkorrispondi għal lott speċifiku tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv;

Emenda

(a) huwa għandu jikkorrispondi għal ***mudell speċifiku, li għandu jiġi aġġornat meta jsiru bidliet għal-lista ta' ingredjenti, jew fejn xieraq, għal*** lott speċifiku tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv;

Emenda 98
Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) għandu jkun aġġornat;

Emenda

(d) għandu jkun aġġornat, ***preċiż u komplut***;

Emenda 99
Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) huwa għandu jkun aċċessibbli għall-utenti finali, għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, għall-awtoritajiet doganali, għall-Kummissjoni u ***għal operaturi ekonomiċi*** oħra;

Emenda

(f) huwa għandu jkun ***faċilment*** aċċessibbli ***għall-konsumaturi***, għall-utenti finali, ***għall-manifatturi, għall-importaturi, għad-distributuri, għall-awtoritajiet kompetenti nazzjonali***, għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, għall-awtoritajiet doganali, għall-Kummissjoni, ***operaturi ekonomiċi oħra u partijiet ikkonċernati rilevanti*** oħra, ***bħall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u r-riċerkaturi***;

Emenda 100
Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) huwa għandu jissodisfa r-rekwiżiti speċifiċi u tekniċi stabbiliti skont il-paragrafu 8.

Emenda

(i) huwa għandu jissodisfa r-rekwiżiti speċifiċi u tekniċi stabbiliti skont il-paragrafu 9.

Emenda 101
Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-mezz ta' data għandu jkun fiżikament preżenti fuq id-deterġent jew fuq l-aġent tensjoattiv, l-imballaġġ tagħhom jew id-

Emenda

Il-mezz ta' data għandu jkun fiżikament preżenti fuq id-deterġent jew fuq l-aġent tensjoattiv, l-imballaġġ tagħhom jew id-

dokumentazzjoni li takkumpanjahom,
f'konformità mal-att ta' implimentazzjoni
msemmi fil-paragrafu 8.

dokumentazzjoni li takkumpanjahom,
f'konformità mal-att ta' implimentazzjoni
msemmi fil-paragrafu 9.

Emenda 102

Proposta għal regolament

Artikolu 18 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Il-mezz ta' data għandu jkun viżibbli b'mod
ċar għall-utent finali qabel kwalunkwe xiri
u għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq,
inkluż, fejn applikabbli, f'każijiet fejn id-
deterġent jew l-aġent tensjoattiv ikun
disponibbli permezz ta' bejgħ mill-bogħod.

Emenda

Il-mezz ta' data għandu jkun viżibbli b'mod
ċar għall-utent finali qabel kwalunkwe xiri
u għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq,
inkluż, fejn applikabbli, f'każijiet fejn id-
deterġent jew l-aġent tensjoattiv ikun
disponibbli permezz ta' bejgħ mill-bogħod
***fuq il-paġna ewlenija tal-paġna online tal-
prodott.***

Emenda 103

Proposta għal regolament

Artikolu 18 – paragrafu 9 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta'
implimentazzjoni li jiddetermina r-
rekwiżiti speċifiċi u tekniċi relatati mal-
passaport tal-prodotti għad-deterġenti u l-
aġenti tensjoattivi. Dawk ir-rekwiżiti
għandhom jistabbilixxu tal-anqas dawn li
ġejjin:

Emenda

***Sa... [12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta'
dan ir-Regolament],*** il-Kummissjoni
għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li
jiddetermina r-rekwiżiti speċifiċi u tekniċi
relatati mal-passaport tal-prodotti għad-
deterġenti u l-aġenti tensjoattivi. Dawk ir-
rekwiżiti għandhom jistabbilixxu tal-anqas
dawn li ġejjin:

Emenda 104

Proposta għal regolament

Artikolu 19 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-informazzjoni kollha inkluża fil-
passaport tal-prodott għandha tkun
ibbażata fuq standards trasparenti
żviluppati b'format interoperabbli u
jenħtieġ li din tkun tista' tinghara mill-
magni, tkun strutturata u jkun jista' jsir

Emenda

(b) l-informazzjoni kollha inkluża fil-
passaport tal-prodott għandha tkun
ibbażata fuq standards trasparenti,
żviluppati b'format interoperabbli u
għandha, fejn ikun xieraq, tkun tista'
tinghara mill-magni, tkun strukturata u jkun

tiftix għaliha;

jista' jsir tiftix għaliha, **u trasferibbli permezz ta' network ta' skambju ta' data interoperabbli mingħajr lock-in teknoloġiku tal-bejjiegħ**;

Emenda 105

Proposta għal regolament

Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) il-passaporti tal-prodotti għandhom jiġu mfassla u operati b'mod faċli li jintuża;

Emenda 106

Proposta għal regolament

Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) l-utenti finali, l-operaturi ekonomiċi u atturi rilevanti oħra għandu jkollhom aċċess għall-passaport tal-prodotti mingħajr ħlas;

(c) l-utenti finali, l-operaturi ekonomiċi u atturi rilevanti oħra għandu jkollhom aċċess **faċli** għall-passaport tal-prodotti mingħajr ħlas **u mingħajr ma jiġi ristrett l-aċċess għall-utenti eżistenti;**

Emenda 107

Proposta għal regolament

Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) id-data inkluża fil-passaport tal-prodotti għandha tinħażen mill-operatur ekonomiku responsabbli għall-ħolqien tiegħu jew minn operaturi awtorizzati li jaġixxu f'ismu;

(d) id-data inkluża fil-passaport tal-prodotti għandha tinħażen **u tiġi aġġornata** mill-operatur ekonomiku responsabbli għall-ħolqien tiegħu jew minn operaturi awtorizzati li jaġixxu f'ismu;

Emenda 108

Proposta għal regolament

Artikolu 22 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Meta l-awtoritajiet tas-sorveljanza

1. Meta l-awtoritajiet tas-sorveljanza

tas-suq ta' Stat Membru jkollhom raġuni suffiċjenti biex jemmnu li deterġent jew aġent tensjoattiv jippreżenta riskju għas-saħħa jew għall-ambjent, huma għandhom iwettqu evalwazzjoni fir-rigward tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv ikkonċernat li tkopri r-rekwiżiti rilevanti kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-operaturi ekonomiċi rilevanti għandhom jikkooperaw kif meħtieġ mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għal dak l-iskop.

tas-suq ta' Stat Membru jkollhom raġuni suffiċjenti biex jemmnu li deterġent jew aġent tensjoattiv jippreżenta riskju għas-saħħa, **għas-sikurezza** jew għall-ambjent, huma għandhom iwettqu evalwazzjoni fir-rigward tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv ikkonċernat li tkopri r-rekwiżiti rilevanti kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-operaturi ekonomiċi rilevanti għandhom jikkooperaw kif meħtieġ mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għal dak l-iskop.

Emenda 109
Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Meta, matul il-kontrolli msemmija fil-paragrafu 1 jew fil-paragrafu 2, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq isibu li d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv ma jikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, huma għandhom jitolbu, mingħajr dewmien, li l-operaturi ekonomiċi rilevanti jieħdu l-azzjoni korrettiva xierqa kollha biex id-deterġent jew l-aġent tensjoattiv jinġieb konformi ma' dawk ir-rekwiżiti, jiġi rtirat mis-suq, jew jissejjaħ lura f'perjodu raġonevoli li jkun proporzjonat man-natura tar-riskju msemmi fil-paragrafu 1.

Emenda

3. Meta, matul il-kontrolli msemmija fil-paragrafu 1 jew fil-paragrafu 2, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq isibu li d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv ma jikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, huma għandhom jitolbu, mingħajr dewmien, li l-operaturi ekonomiċi rilevanti jieħdu l-azzjoni korrettiva xierqa kollha biex id-deterġent jew l-aġent tensjoattiv jinġieb konformi ma' dawk ir-rekwiżiti, jiġi rtirat mis-suq, jew jissejjaħ lura f'perjodu raġonevoli **stabbilit mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u** li jkun proporzjonat man-natura tar-riskju msemmi fil-paragrafu 1.

Emenda 110
Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Meta, wara li tkun wettqet evalwazzjoni skont l-Artikolu 22(1), awtorità tas-sorveljanza tas-suq issib li għalkemm deterġent jew aġent tensjoattiv ikun konformi ma' dan ir-Regolament,

Emenda

1. Meta, wara li tkun wettqet evalwazzjoni skont l-Artikolu 22(1), awtorità tas-sorveljanza tas-suq issib li għalkemm deterġent jew aġent tensjoattiv ikun konformi ma' dan ir-Regolament,

huwa jippreżenta riskju għas-saħħa jew għall-ambjent, hija għandha tesiġi li l-operatur ekonomiku rilevanti jieħu l-miżuri xierqa kollha biex jiżgura li d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv ikkonċernat, meta jiġi introdott fis-suq, ma jkunx għadu jippreżenta dak ir-riskju, biex jirtira d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv mis-suq jew biex jordna s-sejħa tiegħu lura, f'perjodu raġonevoli li jkun proporzjonat man-natura ta' dak ir-riskju.

huwa jippreżenta riskju għas-saħħa jew għall-ambjent, hija għandha tesiġi li l-operatur ekonomiku rilevanti jieħu l-miżuri xierqa kollha biex jiżgura li d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv ikkonċernat, meta jiġi introdott fis-suq, ma jkunx għadu jippreżenta dak ir-riskju, biex jirtira d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv mis-suq jew biex jordna s-sejħa tiegħu lura, f'perjodu raġonevoli li jkun **stabbilit mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u** proporzjonat man-natura ta' dak ir-riskju.

Emenda 111

Proposta għal regolament

Artikolu 24 – paragrafu 4 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

Minħabba raġunijiet imperattivi ġġustifikati kif xieraq ta' urġenza relatati mal-protezzjoni tas-saħħa jew tal-ambjent, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni, f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 28(2a), u tiżgura li tali atti ta' implimentazzjoni jkun applikabbli b'mod immedjat.

Emenda 112

Proposta għal regolament

Artikolu 25 – paragrafu 1 – punt a

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

(a) il-markatura CE tkun twaħħlet bi ksur tal-Artikolu 14 jew ma tkun twaħħlet xejn;

imħassar

Emenda 113

Proposta għal regolament

Artikolu 25 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) kwalunkwe obbligu amministrattiv ieħor previst f'dan ir-Regolament ma jiġix issodisfat.

Emenda 114
Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 27 biex temenda l-Anness VI, fir-rigward tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta fil-passaport tal-prodotti, għall-finijiet tal-adattament tagħha għall-progress tekniku u xjentifiku u għal-livell ta' prontezza diġitali tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u tal-utenti finali.

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 27 biex temenda l-Anness VI, fir-rigward tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta fil-passaport tal-prodotti, għall-finijiet tal-adattament tagħha għall-progress tekniku u xjentifiku u għal-livell ta' prontezza diġitali tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u tal-utenti finali, ***filwaqt li jitqies id-drift applikabbli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni kummerċjali mhux żvelata u dwar l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni ambjentali.***

Emenda 115
Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6a. Fejn ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 440/2008^{1a} jipprevedi approċċi li ma jinvolvux l-annimali għall-ittestjar tal-proprjetajiet ta' sensitizzazzjoni respiratorja tal-mikroorganiżmi, il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien żejjed, tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 27 biex temenda l-Anness II ta' dan ir-Regolament billi tiddetermina r-rekwiżiti għall-introduzzjoni fis-suq ta' deterġenti li fihom mikroorganiżmi f'format ta' sprej.

^{1a} Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 440/2008 tat-30 ta' Mejju 2008 li jistabbilixxi metodi ta' ttestjar skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-

Emenda 116
Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 6b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6b. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 27 biex temenda l-Anness II billi jiġu aġġornati l-istandards applikabbli għall-enumerazzjoni tal-mikroorganiżmi biex jitqies il-progress xjentifiku u tekniku.

Emenda 117
Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011^{1a}, flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.

^{1a} Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13)

Emenda 118
Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għal ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom, mingħajr dewmien, jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar dawk il-miżuri u bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwawhom.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għal ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. ***Dawn jistgħu jinkludu, fejn ikun xieraq, penali finanzjarji proporzjonati għall-fatturat tal-persuna ġuridika li tkun wettqet il-ksur, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifitàjiet tal-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju.*** L-Istati Membri għandhom, mingħajr dewmien, jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar dawk il-miżuri u bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwawhom.

Emenda 119
Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-penali stabbiliti skont dan l-Artikolu jqisu kif xieraq dawn li ġejjin, meta applikabbli:

- (a) in-natura, is-serjetà u t-tul tal-ksur;***
- (b) il-karattru intenzjonali jew negliġenti tal-ksur;***
- (c) il-ħsara għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent ikkawżata mill-ksur, sa fejn din tkun tista' tiġi ddeterminata;***
- (d) il-livell ta' kooperazzjoni tal-persuna fiżika jew ġuridika miżmuma responsabbli mal-awtorità kompetenti.***

Test propost mill-Kummissjoni

Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = 5 snin mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport għandu *jkun fih* valutazzjoni *ta' kif dan ir-Regolament ikun qed jilħaq l-oġettivi tiegħu, inkluża valutazzjoni dwar l-impatt fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.*

Emenda

Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = 5 snin mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport *tal-konformità* għandu *jinkludi* valutazzjoni:

- (a) *ta' kif dan ir-Regolament ikun qed jilħaq l-oġettivi tiegħu, inkluża valutazzjoni dwar l-impatt fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju;*
- (b) *tar-riskju li tiġi ġġenerata reżistenza antimikrobika assoċjata mal-użu ta' deterġenti jew aġenti tensjoattivi bi proprjetajiet bjoċidali;*
- (c) *tal-okkorrenza ta' asserzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni mhux sostanzjati, reklami u disinni tal-imballaġġ li jqarrqu jew li għandhom il-potenzjal li jqarrqu bil-konsumaturi billi jagħtu l-impressjoni ta' deterġenti jew aġenti tensjoattivi aktar tajbin għas-saħħa jew aktar favur l-ambjent;*
- (d) *ir-rekwiżiti tat-tikkettar fiżiku u diġitali tad-deterġenti, filwaqt li jitqiesu s-sikurezza tal-utenti finali u tal-ambjent u l-livell ta' thejġija diġitali fost il-gruppi kollha tal-popolazzjoni fl-Unjoni.*
- (e) *il-fattibbiltà u l-ispejjeż u l-benefiċċji ambjentali u soċjoekonomiċi tal-eliminazzjoni gradwali tal-fosforu fid-deterġenti għall-konsumatur u ta' tnaqqis u fejn ikun possibbli l-eliminazzjoni gradwali tal-fosfru fid-deterġenti għall-użu industrijali u istituzzjonali f'konformità mal-impenji skont il-Pjan ta' Azzjoni għall-Baħar Baltiku;*
- (f) *il-kostijiet u l-benefiċċji ambjentali, tas-saħħa u soċjoekonomiċi tal-estensjoni tal-approċċ ġeneriku għall-ġestjoni tar-riskju għad-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi u tat-tneħħija gradwali tas-sustanzi ta' tħassib, inklużi dawk li jikkawżaw il-kanċer jew mutazzjonijiet tal-ġeni, jaffettwaw is-sistema riproduttiva jew endokrinali, huma persistenti u bjoakkumulattivi, jaffettwaw is-sistema immunitarja, newroloġika jew respiratorja jew huma tossiċi għal organu speċifiku, filwaqt li jitqiesu l-effetti kkombinati, sabiex jinkiseb ambjent mhux tossiku.*

Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, fejn ikun xieraq, bi

Emenda 121
Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = 3 snin mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-effettività u r-rilevanza tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għad-deterġenti li fihom il-mikroorganiżmi kif ukoll il-possibbiltà li tinkludi mikroorganiżmi jew razez ta' mikroorganiżmi ġodda permessi fid-deterġenti fl-Anness II.

Emenda

Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = 3 snin mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-effettività u r-rilevanza tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għad-deterġenti li fihom il-mikroorganiżmi, ***b'mod partikolari l-lista ta' mikroorganiżmi patoġeniċi prevista fil-punt 2 tal-Anness II u l-effetti tal-mikroorganiżmi miżjuda intenzjonalment mad-deterġenti fuq il-proċessi tat-trattament tal-ilma mormi urban***, kif ukoll il-possibbiltà li tinkludi mikroorganiżmi jew razez ta' mikroorganiżmi ġodda permessi fid-deterġenti fl-Anness II.

Emenda 122
Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Sa... [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = 3 snin mid-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament] u kull 3 snin minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-lista ta' mikroorganiżmi patoġeniċi prevista fil-punt 2 tal-Anness II u, fejn ikun meħtieġ, tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 27 biex temenda l-Anness II sabiex jitqies il-progress xjentifiku u tekniku.

Emenda 123
Proposta għal regolament
Artikolu 32a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 32a

***Rieżami tal-kontenut tal-materja prima
rinnovabbli***

***Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk
jogħġbok daħħal id-data – 3 snin mid-
data ta' applikazzjoni ta' dan ir-
Regolament], il-Kummissjoni għandha
tippreżenta rapport lill-Parlament
Ewropew u lill-Kunsill li jivvaluta l-
ħtieġa, il-fattibbiltà, il-konsegwenzi
tekniki u l-benefiċċji għas-saħħa u għall-
ambjent tal-introduzzjoni ta' miri
obbligatorji għall-materja prima
rinnovabbli u għall-kontenut riċiklat fid-
deterġenti u l-aġenti tensjoattivi. F'dak ir-
rapport, il-Kummissjoni għandha b'mod
speċifiku tqis l-impatti soċjoekonomiċi, il-
kompetittività tal-operaturi ekonomiċi fl-
Unjoni, akkwist sostenibbli kif ukoll il-
potenzjal tat-tisħin globali, il-potenzjal
tal-użu tal-iskart tal-ikel fid-deterġenti u t-
tibdil potenzjali fl-użu tal-art assoċjat ma'
materja prima alternattiva u s-sigurtà tal-
ikel fl-Unjoni. Ir-rapport għandu jkun
akkompanjat, meta jkun xieraq, bi
proposta leġiżlattiva.***

Emenda 124
Proposta għal regolament
Anness II – punt 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) ***għandu jkollhom numru tal-
American Type Culture Collection
(ATCC), jappartjenu għal ġabra ta'
Awtorità Depożitarja Internazzjonali (IDA)
jew kellhom id-DNA tagħhom identifikat
f'konformità ma' "Protokoll ta'
identifikazzjoni tar-razza" (bl-użu ta'
sekwenzjar tad-DNA ribożomali 16S jew
metodu ekwivalenti);***

(a) ***għandhom*** jappartjenu għal ġabra ta'
Awtorità Depożitarja Internazzjonali (IDA)
jew kellhom id-DNA tagħhom identifikat
f'konformità ma' "Protokoll ta'
identifikazzjoni tar-razza" (bl-użu ta'
sekwenzjar tad-DNA ribożomali 16S jew
metodu ekwivalenti);

Emenda 125
Proposta għal regolament
Anness II – punt 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) *Pseudomonas aeruginosa*, metodu ta' ttestjar ISO 22717:2015;

Emenda 126
Proposta għal regolament
Anness II – punt 2 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(eb) *Candida albicans*, metodu ta' ttestjar ISO 18416:2015;

Emenda 127
Proposta għal regolament
Anness II – punt 2 – punt ec (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ec) kwalunkwe mikroorganizmu iehor elenkat fl-Anness 1, it-Tabella 4 tar-Regolament (UE) 2020/741^{1a}.

^{1a} Ir-Regolament (UE) 2020/741 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2020 dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma (ĠU L 177, 5.6.2020, p. 32).

Emenda 128
Proposta għal regolament
Anness II – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. Meta jiġu introdotti fis-suq, id-deterġenti li jkun fihom il-mikroorganiżmi għandu jkollhom għadd tal-kolonji standard ta' 1×10^5 unità li jiffurmaw kolonji (CFUs) jew aktar għal kull ml f'konformità mal-ISO 4833-1:2014.

5. Meta jiġu introdotti fis-suq, id-deterġenti li jkun fihom il-mikroorganiżmi għandu jkollhom għadd tal-kolonji standard ta' 1×10^5 unità li jiffurmaw kolonji (CFUs) jew aktar għal kull ml f'konformità mal-ISO **21149** jew ISO 4833-1:2014.

Emenda 129
Proposta għal regolament
Anness II – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Il-ħajja minima fuq l-ixkaffa ta' deterġent li jkun fih il-mikroorganiżmi ma għandhiex tkun anqas minn 24 xahar u l-għadd mikrobiku ma għandux jonqos b'aktar minn 10 % kull 12-il xahar f'konformità mal-ISO 4833-1:2014.

Emenda

6. Il-ħajja minima fuq l-ixkaffa ta' deterġent li jkun fih il-mikroorganiżmi ma għandhiex tkun anqas minn 24 xahar u l-għadd mikrobiku ma għandux jonqos b'aktar minn 10 % kull 12-il xahar f'konformità mal-ISO 4833-1:2014.

Emenda 130
Proposta għal regolament
Anness II – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. Il-mikroorganiżmi fid-deterġenti li jiġu introdotti fis-suq f'format ta' sprej għandhom jgħaddu mit-test tat-tossiċità akuta mill-inalazzjoni f'konformità mal-metodu ta' ttestjar B.2., deskritt fil-Parti B tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 440/2008.

Emenda

7. Id-deterġenti li fihom il-mikroorganiżmi għandhom jitħallew jiġu introdotti fis-suq f'format ta' sprej wara li jkunu ġew stabbiliti approċċi xierqa li ma jinvolvu l-annimali għall-ittestjar tal-proprjetajiet ta' sensitizzazzjoni respiratorja tal-mikroorganiżmi f'konformità mal-Artikolu 26(6a).

Emenda 131
Proposta għal regolament
Anness II – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni

9. L-asserzjonijiet kollha magħmula mill-manifattur rigward l-azzjonijiet tal-mikroorganiżmi li jkunu jinsabu fil-prodott għandhom jiġu appoġġati permezz ta' ttestjar minn partijiet terzi.

Emenda

9. Il-manifattur għandu jissostanzja l-asserzjonijiet kollha magħmula rigward l-azzjonijiet jew il-prestazzjoni tal-mikroorganiżmi li jkunu jinsabu fil-prodott b'testijiet xierqa. Dawk it-testijiet għandhom jiġu verifikati minn parti terza indipendenti.

Emenda 132
Proposta għal regolament
Anness III – tabella

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>	
Deterġent	Limitazzjonijiet
Deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ għall-konsumatur	Ma għandhomx jiġu introdotti fis-suq jekk il-kontenut totali ta' fosforu jkun daqs jew akbar minn 0,5 grammi fil-kwantità rakkomandata tad-deterġent li għandha tintuża fiċ-ċiklu ewlieni tal-proċess tal-ħasil għal ħasla waħda b'magna tal-ħasil standard kif definit fil-Parti B tal-Anness V għall-ilma iebes: għal drapp "bi ħmieġ normali" fil-każ ta' deterġenti magħmula għal xogħol iebes, għal drapp "ftit maħmuġ" fil-każ ta' deterġenti magħmula għal drapp delikat.
Deterġenti tal-magni tal-ħasil tal-platti awtomatiċi għall-konsumatur	Ma għandhomx jiġu introdotti fis-suq jekk il-kontenut totali tal-fosforu jkun daqs jew akbar minn 0,3 grammi fid-dożaġġ standard kif definit fil-Parti B tal-Anness V.
<i>Emenda</i>	
Deterġent	Limitazzjonijiet
Deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ għall-konsumatur	1. Ma għandhomx jiġu introdotti fis-suq jekk il-kontenut totali ta' fosforu jkun daqs jew akbar minn 0,5 grammi fil-kwantità rakkomandata tad-deterġent li għandha tintuża fiċ-ċiklu ewlieni tal-proċess tal-ħasil għal ħasla waħda b'magna tal-ħasil standard kif definit fil-Parti B tal-Anness V għall-ilma iebes: għal drapp "bi ħmieġ normali" fil-każ ta' deterġenti magħmula għal xogħol iebes, għal drapp "ftit maħmuġ" fil-każ ta' deterġenti magħmula għal drapp delikat. 2. Ma għandhomx ikun fihom fosfat. 3. Ma għandhomx jiġu introdotti fis-suq jekk sa[4 snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-kontenut totali tal-fosforu jkun daqs jew akbar minn: - 0, 1g għal drapp "ftit maħmuġ" fil-każ ta' deterġenti għal xogħol ħafif, - 0, 25g għal drapp "bi ħmieġ normali" fil-każ ta' deterġenti magħmula għal xogħol iebes, - 0, 045g għal aġenti li jneħħu t-tbajja' użati waqt il-ħasil, - 0, 023g għal aġenti li jneħħu t-tbajja' użati bħala pretrattament, fil-kwantità rakkomandata tad-deterġent li għandha tintuża fiċ-ċiklu ewlieni tal-proċess tal-ħasil għal ħasla b'magna tal-ħasil standard kif definit fil-Parti B tal-Anness V.
Deterġenti tal-magni tal-ħasil tal-platti awtomatiċi għall-	1. Ma għandhomx jiġu introdotti fis-suq jekk il-kontenut totali tal-fosforu jkun daqs jew akbar minn 0,3 grammi

konsumatur	fid-dożaġġ standard kif definit fil-Parti B tal-Anness V. 2. <i>Ma għandhomx ikun fihom fosfat.</i> 3. <i>Ma għandhomx jiġu introdotti fis-suq jekk sa... [erba' snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-kontenut totali ta' fosforu jkun daqs jew akbar minn:</i> - 0, 2g għal kull ħasla f'deterġenti għall-magni tal-ħasil tal-platti, - 0, 03g għal kull ħasla fil-prodotti tat-tlaħliħ.
<i>Deterġenti tal-ħasil tal-platti bl-idejn għall-konsumatur</i>	<i>Ma għandhomx ikun fihom fosfat u kontenut ta' fosforu ieħor sa ... [erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament];</i>
<i>Prodotti għat-tindif tas-superfiċi ibsin għall-konsumatur</i>	1. <i>Ma għandhomx ikun fihom fosfat.</i> 2. <i>Il-prodotti tat-tindif b'użi multipli u l-prodotti tat-tindif tat-twieqi ma għandhomx ikun fihom kontenut ta' fosforu sa... [erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament];</i> 3. <i>Il-prodotti tat-tindif tal-kċina u tat-tindif tal-kamra tal-banju ma għandhomx jiġu introdotti fis-suq jekk il-kontenut totali tal-fosforu jkun daqs jew akbar minn:</i> 2 g/l ta' soluzzjoni tat-tindif sa ... [erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u 1 g/l ta' soluzzjoni tat-tindif sa ... [seba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].
<i>Deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ industrijali u istituzzjonali</i>	<i>M'għandhomx jiġu introdotti fis-suq jekk sa... [erba' snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-kontenut totali ta' fosforu jkun daqs jew akbar minn:</i> 0, 5g/kg ta' ħwejjeġ għall-ħasil mhux maħmuġa ħafna; 1g/kg ta' ħwejjeġ għall-ħasil b'livell medju ta' ħmieġ; 1,5g/kg ta' ħwejjeġ għall-ħasil maħmuġin ħafna.
<i>Deterġenti industrijali u istituzzjonali għall-magni tal-ħasil tal-platti</i>	<i>M'għandhomx jiġu introdotti fis-suq jekk sa... [7 snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-kontenut totali ta' fosforu jkun daqs jew akbar minn</i> - <i>għal deterġenti għall-magni tal-ħasil tal-platti u sistemi b'komponenti multipli:</i> - 0, 3g/l ta' soluzzjoni tal-ħasil għall-ilma artab; - 0, 4g/l ta' soluzzjoni tal-ħasil għall-ilma medju; - 0, 75g/l ta' soluzzjoni tal-ħasil għall-ilma iebes. - <i>għal prodotti tat-tixrib qabel il-ħasil, 1 g/l ta' soluzzjoni tal-ħasil;</i> - <i>għall-prodotti tat-tlaħliħ, 0, 02g/l ta' soluzzjoni tal-ħasil.</i>

Emenda 133
Proposta għal regolament
Anness V – Parti A – punt 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) aġenti tensjoattivi **anjoniċi**,

(c) aġenti tensjoattivi,

Emenda 134
Proposta għal regolament
Anness V – Parti A – punt 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) **aġenti tensjoattivi katjoniċi**,

imħassar

Emenda 135
Proposta għal regolament
Anness V – Parti A – punt 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) **aġenti tensjoattivi amfoteriċi**,

imħassar

Emenda 136
Proposta għal regolament
Anness V – Parti A – punt 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(f) **aġenti tensjoattivi mhux joniċi**,

imħassar

Emenda 137
Proposta għal regolament
Anness V – Parti A – punt 3 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Fejn tiġi provduta tikketta diġitali f'konformità mal-Artikolu 16(1) ta' dan ir-Regolament, il-preżervattivi għandhom jiġu elenkati, bl-użu, fejn ikun possibbli, tas-sistema msemmija fl-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009, irrISPettivament mill-konċentrazzjoni tagħhom.

Emenda 138
Proposta għal regolament
Anness V – Parti B – punt 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) il-kwantitajiet rakkomandati u/jew l-istruzzjonijiet dwar id-dożaġġ espressi f'millilitri jew grammi xierqa għal ħasla waħda b'magna tal-ħasil standard, għal-livelli ta' ebusija tal-ilma artab, medju u iebes u li jipprovdu għal proċessi ta' ħasliet f'ċiklu wieħed jew tnejn,

Emenda

(a) il-kwantitajiet rakkomandati u/jew l-istruzzjonijiet dwar id-dożaġġ espressi f'millilitri jew grammi **jew, fejn ikun rilevanti, l-għadd ta' unitajiet** xierqa għal ħasla waħda b'magna tal-ħasil standard, għal-livelli ta' ebusija tal-ilma artab, medju u iebes u li jipprovdu għal proċessi ta' ħasliet f'ċiklu wieħed jew tnejn,

Emenda 139
Proposta għal regolament
Anness V – Parti B – punt 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) il-kapaċità ta' kwalunkwe tazza tal-kejl, jekk tkun ipprovduta, għandha tiġi indikata f'millilitri jew fi grammi, u għandhom jiġu pprovduti marki biex jindikaw id-doża ta' deterġent adattata għal ħasla b'magna tal-ħasil standard għal-livelli ta' ebusija tal-ilma artab, medju u iebes,

Emenda

(c) il-kapaċità ta' kwalunkwe tazza tal-kejl, jekk tkun ipprovduta, għandha tiġi indikata f'millilitri jew fi grammi, u għandhom jiġu pprovduti marki **viżibbli b'mod ċar li jikkuntrastaw b'mod sinifikattiv mal-kulur tat-tazza tal-kejl** biex jindikaw id-doża ta' deterġent adattata għal ħasla b'magna tal-ħasil standard għal-livelli ta' ebusija tal-ilma artab, medju u iebes,

Emenda 140
Proposta għal regolament
Anness V – Parti B – punt 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) għad-deterġenti ppakkjati fil-fliexken, id-doża adattata ta' deterġent għal ħasla b'magna tal-ħasil standard tal-anqas għal livell ta' ebusija tal-ilma artab u medju għandha tiġi pprovduta permezz ta' marki viżibbli b'mod ċar fuq it-tapp, b'kulur li jikkuntrasta b'mod sinifikanti mal-kulur tat-tapp.

Emenda 141
Proposta għal regolament
Anness V – Parti B – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. It-tikketta tad-deterġenti tal-magni tal-ħasil tal-platti awtomatiċi għall-konsumatur għandha tindika d-dożaġġ standard espress fi grammi jew f'millilitri jew l-għadd ta' **pilloli** għaċ-ċiklu tal-ħasil ewlieni għal oġġetti ta' fuq il-mejda maħmuġa b'mod normali f'magna tal-ħasil tal-platti b'tagħbija sħiħa ta' 12-il post, u taġġusta d-dożaġġ standard, fejn ikun rilevanti, għall-ebusija tal-ilma artab, medju u iebees.

Emenda

3. It-tikketta tad-deterġenti tal-magni tal-ħasil tal-platti awtomatiċi għall-konsumatur għandha tindika d-dożaġġ standard espress fi grammi jew f'millilitri jew l-għadd ta' **unitajiet** għaċ-ċiklu tal-ħasil ewlieni għal oġġetti ta' fuq il-mejda maħmuġa b'mod normali f'magna tal-ħasil tal-platti b'tagħbija sħiħa ta' 12-il post, u taġġusta d-dożaġġ standard, fejn ikun rilevanti, għall-ebusija tal-ilma artab, medju u iebees.

Emenda 142
Proposta għal regolament
Anness V – Parti C

Test propost mill-Kummissjoni

C – TIKKETTA DIĠITALI
L-informazzjoni li ġejja dwar il-kontenut imsemmija fil-Parti A, tista' tiġi pprovduta fuq it-tikketta diġitali biss, f'konformità mal-Artikolu 16(1), it-tieni subparagrafu, bil-mod speċifikat f'dik il-parti:
(a) aġenti tensjoattivi anjoniċi;
(b) aġenti tensjoattivi katjoniċi;
(c) aġenti tensjoattivi amfoteriċi;
(d) aġenti tensjoattivi mhux joniċi;
(e) fosfati;
(f) fosfonati;
(g) sapun.

Emenda

imħassar

Emenda 143
Proposta għal regolament
Anness V – Parti D – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) il-kwantitajiet rakkomandati bbażati

Emenda

(b) il-kwantitajiet rakkomandati bbażati

fuq ebusija medja/*normali* tal-ilma u gradi differenti ta' ħmieġ tad-drapp; u

fuq ebusija medja tal-ilma u gradi differenti ta' ħmieġ tad-drapp; u

Emenda 144

Proposta għal regolament

Anness V – Parti D – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-punti (1)(c) u (d) tal-Parti B għandhom japplikaw ukoll fejn tiġi pprovduta l-informazzjoni simplifikata dwar id-dożaġġ.

Emenda 145

Proposta għal regolament

Anness VI – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) l-isem, l-indirizz tal-manifattur jew tar-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur kif ukoll l-identifikatur uniku tal-operatur tal-manifattur;

(b) l-isem, l-indirizz ***postali u elettroniku*** tal-manifattur jew tar-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur kif ukoll l-identifikatur uniku tal-operatur tal-manifattur;

Emenda 146

Proposta għal regolament

Anness VI – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(f) lista shiġa tas-sustanzi miżjuda intenzjonalment fid-deterġent jew fl-aġent tensjoattiv u tal-preservattivi ***ttikkettati f'konformità mal-Parti A, il-punt 3, l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), tal-Anness V***, bl-użu tan-Nomenklatura Internazzjonali tal-Ingredjenti Kożmetiċi, jew meta din ***ma tkunx disponibbli, l-isem tal-Farmakopea Ewropea u, meta anke din tal-aħħar*** ma tkunx disponibbli, l-isem kimiku komuni jew l-isem tal-Unjoni Internazzjonali tal-Kimika Pura u Applikata.

(f) lista shiġa tas-sustanzi miżjuda intenzjonalment fid-deterġent jew fl-aġent tensjoattiv u tal-preservattivi bl-użu tan-Nomenklatura Internazzjonali tal-Ingredjenti Kożmetiċi, jew meta din ma tkunx disponibbli, l-isem kimiku komuni jew l-isem tal-Unjoni Internazzjonali tal-Kimika Pura u Applikata.

Emenda 147
Proposta għal regolament
Anness VI – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(fa) id-dokumentazzjoni teknika u r-
riżultati tal-proċedura ta' valutazzjoni tal-
konformità msemija fl-Artikolu 7(2);**

Emenda 148
Proposta għal regolament
Anness VI – paragrafu 1 – punt fb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(fb) fejn ikun applikabbli, ir-riżultati tat-
test imwettaq mill-manifattur f'konformità
mal-punt 9 tal-Anness II u d-dikjarazzjoni
ta' verifika minn parti terza ta' dawk it-
testijiet;**

Emenda 149
Proposta għal regolament
Anness VI – paragrafu 1 – punt fc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(fc) fejn ikun applikabbli, link għat-
tikketta diġitali msemija fl-Artikolu
16(1).**

Emenda 150
Proposta għal regolament
Anness VI – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**L-informazzjoni msemija fil-punt (fa)
għandha tkun disponibbli biss għall-
awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-
Istati Membri u għall-Kummissjoni.**